Socrates
Grundtvig

Education and Culture




# Ktieb gwida għall ġenituri

DyPaTeC

Dyslexia - Parents´and Teachers´ Collaboration

Acknowledgment.

The initiating Institution of the DYPATEC-Project is the "Pädagogische Akademie des Bundes in der Steiermark", Hasnerplatz 12, Graz, Austria. During the first two years the project co-ordinator was Mag. H. Posch, Graz; the third year the co-ordination was taken over by R. Claes, Luxembourg. On behalf of the workgroup, both co-ordinators are responsible for the elaboration as well as for the printing of the final product.

This publication and all parts of it are copyright protected.
The European Commission is not responsible for the contents of the Guide for Parents. This publication is not for sale as it is part of the work requested by the EU.
Reprints and/or other duplication of the Guide for Parents, or part of it, can only be done after written agreement by H. Posch and R. Claes.

Cover design © Patrick Pax (E-Mail: pcpax@pt.lu ) – Luxembourg.

2nd edition (June 2007)

Printed by OIL (European Commission) Luxembourg - June 2007.

ISBN 978-80-7290-311-5

# INDIĊI


0. INTRODUZZJONI 5

1. X'INHI D-*DYSLEXIA*? 7

2. L-IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U L-PREVENZJONI 15

3. L-IŻVILUPP TAL-LINGWA U TAD-DISKORS 19

4. IS-SITWAZZJONI FAMILJARJI U L-KUNTEST SOĊJALI 25

5. INTERAZZJONI BEJN L-ISKOLA U L-ĠENITURI 31

6. X'JISTA' JGĦIN LIT-TFAL DIŻLESSIĊI FL-ISKOLA 37

7. Il-MOTIVAZZJONI U L-KUNFIDENZA 51

8. STRATEĠIJI TA' TAGĦLIM U STILI TA' TAGĦLIM 57

9. IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR 67

10. L-UŻU TAL-KOMPJUTER 85

11. TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN 93

12. IL-ĦAJJA WARA L-ISKOLA 107

13. DYSCALCULIA 111

14. DRITTIJIET TAT-TFAL DIŻLESSIĊI 119

**ANNEXE**
Sitwazzjonijiet li jinqalgħu l-iskola u d-dar
"Rutini ta' kuljum u problemi tat-tfal diżlessici"

LETTERATURA GENERALI

Awturi

# INTRODUZZJONI




Dan il-ktieb gwida dwar diffikultajiet fil-qari u l-kitba, fosthom id-*dyslexia*, huwa utli mhux biss għall-**ĠENITURI** iżda wkoll għall-**GĦALLIEMA** u l-**ISPEĊJALISTI** li jkunu jridu jirreferu għalih huma u jitkellmu mal-ġenituri dwar tifel jew tifla bid-*dyslexia*. Il-qasam tad-*dyscalculia* jissemma fil-qosor.

Il-**kontenut** ikopri varjetà ta' suġġetti li ntagħżlu mill-ġenituri u l-għalliema. Jinkludi problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal diżlessiċi fid-dar u l-iskola, strateġiji ta' tagħlim u stili ta' tagħlim, appoġġ għat-tfal bid-*dyslexia* għall-qari u l-kitba fl-ilsien nattiv tagħhom kif ukoll f'lingwi barranin, indirizzi utli, eċċ.

Il-ktieb gwida huwa disponibbli f' **seba' lingwi** (Ingliż, Ġermaniż, Ċek, Pollakk, Franċiż, Tork u Malti). Huwa xogħol konġunt ta' tim interdixxiplinari u interkulturali mill-oqsma tal-mediċina, il-psikoloġija, il-lingwistika u l-edukazzjoni, flimkien mal-ġenituri ta' tfal bid-*dyslexia*.

L-awturi kollha ta' dan ix-xogħol iħossuhom impenjati fil-**Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal** (Nazzjonijiet Uniti 1989) li tinkludi, pereżempju li

- L-Istati msieħba jirrikonoxxu d-dritt tat-tfal għal edukazzjoni bil-għan li progressivament jiksbu dan id-dritt u abbażi ta' opportunitajiet indaqs (...) (Art.28)
- L-Istati msieħba jaqblu li l-edukazzjoni tat-tfal għandha tindirizza (a) l-iżvilupp tal-personalità, it-talenti u l-kapaċitajiet mentali u fiżiċi tat-tfal sa l-aqwa potenzjal tagħhom;(...) (Art.29) (http://www.unhchr.ch/html/menu3/b/k2crc.htm)

It-tim tal-proġett ta' l-UE DYPATEC (Socrates/Grundtvig2) finanzjat mill-Kummissjoni Ewropea. Lulju 2007

*DYSLEXIA*

**Ktieb gwida għall-ġenituri, għalliema, speċjalisti.**

•

**Kontenut: suġġetti magħżula mill-ġenituri u l-għalliema**

•

**Disponibbli bl-**
Ingliż
Ġermaniż
Ċek
Pollakk
Franċiż
Tork
Malti

•

**Drittijiet tat-tfal**

Education and Culture
Socrates
Grundtvig

## X'INHI D-*DYSLEXIA*?

### Jiena diżlessiku...

Ommi u missieri qatt ma kellhom problemi serji bija sakemm bdejt l-iskola. Indunajt li kont qed indum aktar mill-oħrajn biex nitgħallem naqra u għalhekk bdejt nevita l-kotba. Lanqas fil-kitba ma kont tajjeb wisq, nipprova kemm nipprova. Kont indum seklu biex nikkopja dak li jkun hemm miktub fuq il-bord u qatt ma kien jirnexxieli mingħajr żbalji. Għadni s'issa nbati biex nispelli. Il-basket ta' l-iskola dejjem imgerfex u veru kont indum biex insib dak li ridt minn ġo fih.

Fil-klassi kienu jaqbdu miegħi għax ma kontx nibbrilla. Kemm-il darba ma kontx nifhem x'riedet minna l-għalliema u kont mistħi wisq biex nistaqsi għax kont inkun għadni lura f'xogħli. Fil-klassi kont naljena ruħi faċilment u l-iskola kont nobogħdha. Kont inħoss li l-għalliema kienu jaqbdu miegħi u kemm-il darba kienu jgħidu li jiena għażżien u njorant.

Fil-bitħa ta' l-iskola ma domtx ma ħadt ir-riedni għax kelli bosta ideat. Id-dar, il-ġenituri ma setgħux jifhmu kif kont qed insibha daqshekk diffiċli l-iskola, speċjalment peress li ż-żewġ ħuti bniet akbar minni kienu fost l-aqwa fil-klassijiet tagħhom. Meta wasalt biex nitlaq mill-iskola kelli stima baxxa tiegħi nnifsi u ma kontx ottimistiku dwar il-futur.

Li ma kienx għall-ħabib kbir tiegħi li qalli dwar id-*dyslexia*, ma nafx fejn kont nispiċċa. Komplejt biex nistudja x-xjenza tal-kompjuters mingħajr problemi u llum naħdem għal rasi b'suċċess.

M'għadx għandi problemi bid-*dyslexia*, iżda ħafna mit-tbatija li għaddejt minnha l-iskola setgħet tiġi evitata li kieku l-ġenituri tiegħi u l-għalliema kienu jafu dwar id-*dyslexia*.

Mark

**ID-*DYSLEXIA***

**TAQTAX QALBEK!**



**IĊ-ĊANS DEJJEM HEMM QIEGĦED!**

# X'INHI D-*DYSLEXIA*?

## DESKRIZZJONI TAD-*DYSLEXIA*

**Id-*Dyslexia* tirreferi għal diffikultajiet bl-ipproċessar ta' l-informazzjoni li jirriżultaw fi problemi biex dak li jkun jaqra, jispelli u jikteb. F'ħafna każi jistgħu jiġu identifikati diffikultajiet f'dawn l-oqsma:**

- Li wieħed jagħraf u jiftakar il- kliem
- Li jsegwi l-istruzzjonijiet
- Li jsensel l-ittri fil-kliem, il-kliem f'sentenzi, is-sentenzi fit-testi
- Li jirrikonoxxi u jifhem dak li jisma' u/jew jaqra (ipproċessar awditorju u viżiv)
- Li jispelli b'diffikultà u jbati bil-grammatika
- L-organizzazzjoni
- Li kemm-il darba dak li jkun ikollu problemi oħra (koordinazzjoni, *dyscalculia*, disgrafija, iperattività, problemi viżivi, eċċ.)

**Konsegwenzi sekondarji jistgħu jkunu stima baxxa tiegħek innifsek. Kapaċitajiet bħal ħiliet kreattivi u/jew viżivi/ tekniċi jistgħu ipattu għal diffikultajiet fil-kapaċità li taqra, tikteb u tispelli.**

**Il-fatturi influwenti varji eż. ġenetika, diffikultajiet awditorji u/jew viżivi, edukazzjoni eċċ.,jaffettwaw lil xulxin f'ħafna modi kif muri hawn taħt.** (minn: Reid 2005, Dyslexia and Inclusion, David Fulton Publishers, London)




## FATTURI INFLUWENTI

### IL-ĠENETIKA

"Ilha snin fil-familja tiegħi!"

### L-IPROĊESSAR AWDITORJU

"Ċerti ittri għandhom l-istess ħoss!"

### L-IPROĊESSAR VIŻIV

"Xi kultant l-ittri jidħlu f'xulxin!"

### IL-PERSONALITÀ

eż "Il-buffu tal-klassi"

### SISTEMI TAL-LINGWA

"Nista' nikteb dak li nisma'?"

### APOĠĠ ID-DAR

"Ħalluni bi kwieti!"

### L-ISKOLA

"Skopru t-talenti tiegħi!"

# X'INHI D-*DYSLEXIA*?

## ŻOMM GĦAJNEJK MIFTUĦA GĦAS-SINTOMI!

**QABEL L-ISKOLA** (3 sa 5 snin)

- diffikultà fil-ftakir tal-ħsejjes, kliem, ittri
- diffikultà fil-ftakir tas-sekwenza ta' l-ittri ta' l-alfabett, tal-kliem, istruzzjonijiet eċċ..
- tfixkil bejn kliem bi ħsejjes simili
- diffikultà fl-ikkuppjar u l-*colouring*
- diffikultajiet bil-memorja
- storja ta' *dyslexia* fil-familja
- tbatija fir-reazzjoni għal ċerti eżerċizzji (logħob bl-ittri/bil-kliem.)

**SKOLA PRIMARJA** (6 sa 11-il sena)

- ma jridux imorru l-iskola
- isibuha bi tqila jitgħallmu l-kliem/ittri/ħsejjes
- isibuha bi tqila biex isegwu l-istruzzjonijiet
- ibatu biex jaqsmu l-kliem f'ittri jew sillabi
- ibatu biex jiftakru l-ħsejjes u l-kliem
- isibuha bi tqila biex jaqraw u/jew jispellu
- x'aktarx ibatu bid-diżorganizzazzjoni
- jistgħu juru diffikultajiet bl-imġieba, frustrazzjoni

**SKOLA SEKONDARJA** (12 sa 18-il sena)

- isibuha diffiċli biex jaslu għas-sekwenza tal-ħsejjes/ittri fil-qari u/jew fl-i*spelling*,
- idumu aktar f'eżerċiżżji miktuba u bix-xogħol għad-dar
- isibuha diffiċli biex ilestu fil-ħin
- ikollhom diffikultà bil-memorja, organizzazzjoni
- kontinwament frustrati
- jiżviluppaw strateġiji biex jevitaw l-iskola

**POST SEKONDARJA** (edukazzjoni oħra, xogħol)

- jikkumpensaw (isibu mezzi biex jevitaw il-qari/kitba)
- stima baxxa tagħhom infushom (skond l-esperjenzi l-iskola - assoċjazzjonijiet tad-*dyslexia* jistgħu joffru appoġġ)
- problemi organizzattivi (użu tat-teknoloġija, *tutors*)
- ifittxu eżerċizzji li jesiġu ftit qari u/jew kitba

**VARJAZZJONI TAS-SINTOMI**

**QABEL L-ISKOLA**



**SKOLA PRIMARJA**




**SKOLA SEKONDARJA**



**AKTAR 'L QUDDIEM**



## X'INHI D-*DYSLEXIA*?

### Letteratura


Government of Ireland (2001). *Report of the Task Force on Dyslexia.* Dublin: Government Publications Sales Office.

Klicpera, Ch., Schabmann, A., & Gasteiger-Klicpera, B. (2003). *Legasthenie. Modelle, Diagnose, Theorie und Förderung*. München: Reinhardt UTB.

Reid, G. (2005). *Dyslexia and Inclusion*. London: David Fulton Publishers.

Reid, G. (2004). *Dyslexia: A Complete Guide for Parents.* Chichester: John Wiley & Sons.

Rosenkötter, H. (1997). *Neuropsychologische Behandlung der Legasthenie.* Weinheim: Psychologie Verlags Union.

Schulte-Körne, G. (Hrsg.). (2001). *Legasthenie: erkennen, verstehen, fördern. Beiträge zum 13. Fachkongress des Bundesverbandes Legasthenie 1999.* Bochum: Winkler Verlag.

Steltzer, S. (1998). *Wenn die Wörter tanzen. Legasthenie und Schule.* München: Ariston.

# L-IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U L-PREVENZJONI

## Identifikazzjoni Bikrija fi Tfal fir-Riskju ta' Diffikultajiet fil-Qari, Kitba u l-Ortografija

Diffikultajiet fil-qari, kitba u ortografija jirriżultaw fi tfal f'kull pajjiż u lingwa. It-tfal f'kulturi b'kitba alfabetika jħabbtu wiċċhom ma' problemi simili, anke jekk sistemi speċifiċi ta' skejjel nazzjonali u l-iżvilupp fil-kapaċità li t-tfal jitkellmu jistgħu jikkawżaw effetti differenti.

Matul l-aħħar għoxrin sena, ir-riċerkaturi f'pajjiżi differenti skoprew li huwa possibbli li wieħed ibassar jekk it-tfal hux se jkollhom diffikultajiet biex jitgħallmu jiktbu u jaqraw billi jiġi osservat fl-iżvilupp ta' ċerti funzjonijiet sa l-età ta' 5 jew 6 snin. It-"tfal fir-riskju tad-*dyslexia*" jista' jkollhom problemi f'dawn l-oqsma:

| **IL-FUNZJONI** | **KIF ISSIR TAF?** |
|---|---|
| **Għarfien Fonoloġiku**<br>• jagħrfux ir-rima | "Liema żewġ kelmiet jirrimaw: sadid – ħadid - azzar?" |
| • jipproduċux ir-rimi | "Sib kliem li jaqblu ma' 'zija'" |
| • jimmemorizzawx sekwenzi ta' ħsejjes u kliem | "X'inhuma l-istaġuni tas-sena/jiem tal-ġimgħa?" |
| • jagħrfux il-ħsejjes | "Għandhom l-istess ħoss: bgħatt, bott? Jekk le – x'inhi d-differenza? " |
| • jagħrfux il-pożizzjoni tal-ħsejjes u s-sillabi fil-kliem | "X'inhu l-ewwel ħoss fil-kelma 'ħabel'?" |
| • jitgħallmux il-korrispondenzi bejn il-ħsejjes u l-ittri | "X'ħoss għandha l-ittra A". |
| **Funzjonijiet Viżivi u ta' Għarfien ta' Spazju**<br>• jagħrfux l-ittri | "X'inhu l-isem ta' l-ittra fuq is-sinjal tal-parking?" |
| • jiddiferenzjawx bejn ittri simili | "Dawn l-ittri l-istess jew differenti: m-n, l-t, p-b-d-g?" |
| **Funzjonijiet ta' Movimenti**<br>• '*fine motor skills*' | "It-tifel jirnexxielu jdomm iż-żibeġ mingħajr problemi?" |
| • ko-ordinazzjoni ta' moviment | It-tifel jirnexxielu jaqbad ballun? |
| • bilanċ | "It-tifel jista' joqgħod fuq sieq waħda?" |
| **'*Visual-Motor Coordination*'** | "Tista' tpinġi l-istess disinn li jidher hawn?" |
| **Konċentrazzjoni fit-tul** | It-tifel jista' jikkonċentra fuq eżerċizzju wieħed għal ċertu tul ta' żmien? |

**Identifikazzjoni bikrija**

**Għarfien fonoloġiku**

**Funzjonijiet viżivi u għarfien ta' spazju**

**Abilitajiet fil-movimenti**

**Konċentrazzjoni fit-tul**

**Integrazzjoni ta' ħiliet fonoloġiċi, viżivi u ta' moviment**







# L-IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U L-PREVENZJONI

**Metodi ta' Skrining**

Abbażi ta' l-għarfien dwar l-aktar fatturi importanti li jindikaw li t-tfal huma fir-riskju tad-*dyslexia*, ġew żviluppati ċerti **testijiet għall-iskrining**. Huma l-aktar **kwestjonarji** jew testijiet dwar **l-għarfien fonoloġiku**.
Ġie previst li **70-80%** tat-tfal kollha bejn 3-6 snin kien se jkollhom suċċess fil-qari, il-kitba u l-ispelling fil-ġejjieni.
Sfortunatament, it-tfal bid-*dyslexia* mhux soltu li jingħataw djanjożi qabel il-bidu ta' l-edukazzjoni skolastika tagħhom. Kemm-il darba dan jiġri fl-aħħar ta' l-iskola primarja, jew anke aktar tard. Dan, madankollu, għandu jsir **ĦAFNA QABEL**!!!

**Il-Prevenzjoni tad-*Dyslexia***

Fl-aħħar għaxar snin tqiesu **żewġ strateġiji** ewlenin għall-prevenzjoni tad-*dyslexia*:

1) It-tfal li huma identifikati bħala fir-riskju li jiżviluppaw diffikultajiet fil-qari, il-kitba u l-ortografija jingħataw taħriġ speċifiku.
2) It-tfal kollha bejn 3–6 snin jieħdu sehem fi programmi ġenerali li jwittu t-triq għat-tagħlim tal-qari, tal-kitba u ta' l-ortografija

L-esperjenzi f'bosta pajjiżi donnhom jindikaw li **t-tieni triq** hija preferibbli. Jekk it-tfal kollha bejn 3-6 jieħdu sehem fi programm għall-intervenzjoni bikrija:

- Tiġi evitata d-diskriminazzjoni tat-tfal suspettati li qegħdin fir-riskju
- Programm ta' sitt xhur iwassal għal suċċess ta' 2-3 snin fl-iskola.

Huwa meħtieġ studju aktar fil-fond biex intejbu l-għarfien tagħna dwar il-prevenzjoni ta' diffikultajiet fil-qari, il-kitba u l-i*spelling*.

L-aktar mod effettiv li bih nistgħu inħejju lit-tfal tagħna biex jitgħallmu jaqraw, jiktbu u jispellu huwa li nistimulaw il-**funzjonijiet kollha** li huma importanti għal dawn il-ħiliet.

**Testijiet għall-Iskrining**

- **Kwestjonarji**
- **Testijiet dwar l-għarfien fonoloġiku**



**Il-Prevenzjoni**



**Preferibbilment:**
Ma ssir l-ebda separazzjoni: it-tfal kollha bejn 3 - 6 snin jieħdu sehem fi programm ta' intervenzjoni bikrija.

## L-IŻVILUPP TAL-LINGWA U TAD-DISKORS

### Ħiliet bażiċi għall-użu tal-lingwa:

- **Perċezzjoni awditorja tad-diskors, kliem u sentenzi**

  → ħuta → Fejn hi l-ħuta?

- **Perċezzjoni ta' l-intonazzjoni**

  Qed titgħallem. Qed titgħallem? Qed titgħallem!

  *Intonazzjonijiet differenti jwasslu tifsiriet differenti!*

- **Komprensjoni tal-kliem u s-sentenzi**

  Il-qattus jiġri wara l-kelb. Il-kelb jiġri wara l-qattus.

  *Trid tkun taf xi jfissru l-kliem!*

  *Ordni differenti tal-kliem tirriżulta f'tifsira differenti!*

- **Artikolazzjoni tal-ħsejjes tal-kliem**

  [a] f' "ra", [e] f' "re", [x] f' "xibka" eċċ.

- **It-tiswir ta' forom differenti ta' kliem**

  nuri – wera; nġorr – ġarr; kelma – kliem

- **L-ordni tal-kliem fis-sentenzi**

  Xtrat par kalzetti. Il-fenek jgħix f'ħofra taħt l-art.

Minbarra dawn il-ħiliet lingwistiċi bażiċi jeżistu ħiliet oħra li jippermettu li dak li jkun jakkwista l-lingwa u jinfluwenzaw ukoll l-iżvilupp tal-lingwa.

Perċezzjoni tad-diskors



? !

Komprensjoni tal-lingwa

Produzzjoni ta' kliem u tal-lingwa

It-tiswir tas-sentenzi



# L-IŻVILUPP TAL-LINGWA U TAD-DISKORS

## PERĊEZZJONI

**- Perċezzjoni Tattili – is-sens tattili**

- il-mess u l-qbid ta' l-oġġetti
- li tħoss l-ittri (eż. "m" – "p")

**- Perċezzjoni Awditorja – is-sens tas-smigħ**

- Minn fejn jiġi ħoss?
- Ir-rikonoxximent ta' ħoss
- Il-konċentrazzjoni fuq ħoss wieħed fost ħsejjes differenti
- Id-distinzjoni bejn ħsejjes differenti
- Ir-relazzjoni tal-ħsejjes ma' l-istampi
- Il-kitba ta' kliem mismugħ

Il-perċezzjoni ta' ħsejjes u sillabi hija l-aktar importanti għal l-akkwist tal-kitba u l-ortografija:

- Id-differenzjar bejn il-ħsejjes
  Re – te; re – ra; tin - tim
- Ir-rikonoxximent ta' ħoss
  Fil-kelma "mara" hemm "m"? U fil-kelma "omm"...
  X'inhu l-ewwel/l-aħħar ħoss fil-kelma "fil"?
- Diskriminazzjoni bejn il-ħsejjes:
  - Il-kliem għandhom ħsejjes komuni
    kul – kelb – kif; sib – ġib - trid
  - Il-kliem jirrimaw
    zija – ħija - mija
  - Sib il-kelma li ma toqgħodx
    kelb – kannol - ħuta
  - Ibdel ħoss b'ħoss ieħor
    ħabib - tabib; bolla - balla

**Perċezzjoni awditorja tajba hija essenzjali għall-akkwist ta' lingwa!**

L-iżvilupp tal-vokabolarju.

Artikolazzjoni

Perċezzjoni u komprensjoni tad-diskors

Perċezzjoni tal-ħsejjes





## L-IŻVILUPP TAL-LINGWA U TAD-DISKORS

**- Perċezzjoni Viżiva – il-viżjoni**

- X'differenza hemm bejn żewġ forom/stampi?
- Tista' tiddeskrivi dan l-oġġett?
- X'inhi d-differenza bejn p- d – b; p – q; m – w?

**Perċezzjoni viżiva tajba hija essenzjali għall-akkwist tal-qari, tal-kitba u ta' l-ortografija!**

**L-ARTIKOLATURI**

Ix-xofftejn, is-snien, l-ilsien, ix-xedaq u l-parti ta' wara tal-ħalq huma meħtieġa għall-artikolazzjoni korretta tal-ħsejjes. Il-movimenti kkumplikati u mgħaġġla tagħhom huma responsabbli għall-produzzjoni tad-diskors artikolat.

Fil-bidu ta' l-iżvilupp tad-diskors, l-okkorrenza ta' "żbalji fid-diskors" bħal ommissjonijiet, sostituzzjonijiet, simplifikazzjonijiet eċċ huma naturali.
Eżempji: ħuta → uta, qattus → tattus eċċ.
Iżda jekk dawn l-iżbalji jibqgħu jiġru bi frekwenza wara l-età ta' 4 snin, ikkuntattja speċjalist.

**Żvilupp ta' Movimenti**

L-iżvilupp ta' movimenti huwa ukoll neċessarju ghall-iżvillup tal-lingwa mitkellma u miktuba.

Għal kitba, ħiliet '*fine motor*' huma bżonnjużi biex l-id titħaddem tajjeb.

Diffikultajiet fl-abilita' ta' movimenti jistgħu jirriżultaw ukoll fiċ-ċaqliq tal-ħalq li jaffetwa d-diskors , l-espressjonijiet tal-wiċċ u mossi.

Perċezzjoni viżiva
It-tagħlim ta' l-ittri
Id-distinzjoni bejn l-ittri

db
qp
mw

Artikolazzjoni

Żbalji fid-diskors



'*Fine motor skills*'

Ċaqliq tal-ħalq, mossi u espressjonijiet tal-wiċċ

# L-IŻVILUPP TAL-LINGWA U TAD-DISKORS

Billi biex titgħallem lingwa l-proċess huwa wieħed ikkumplikat, hawn taħt għandkom issibu xi ftit ħjiel dwar x'għandkom tagħmlu u ma tagħmlux:

## X'GĦANDEK TAGĦMEL ☺

tkellem mat-tfal spiss kemm jista' jkun;

l-ommijiet jistgħu/għandhom jitkellmu mat-tarbija fil-ġuf (bejn wieħed u ieħor minn wara sitt xhur tqala);

ħarsu lejn kotba bl-istampi flimkien - int u t-tfal - u tkellmu dwar l-istampi li taraw;

sejħu b'isimhom l-oġġetti li taraw – ġewwa d-dar u barra;

għid lit-tfal xi tkun qed tagħmel fil-mument;

sib il-ħin biex tisma' lit-tfal;

aqralhom il-kotba;

ilgħab magħhom logħob tal-lingwi;

għallimhom it-tqabbiliet (għat-tfal);

ilgħab ma' wliedek kuljum u kellimhom almenu għal nifs siegħa bit-televiżjoni mitfi u meta ma jkunx hemm xi ħaġa oħra li ttellfilhom l-attenzjoni;

agħti ċans lil uliedek jikkoreġu l-iżbalji li jagħmlu waħedhom.

## X'M'GĦANDEKX TAGĦMEL

tuża l-televiżjoni bħala kumpens għall-komunikazzjoni personali;

tidħaq bit-tfal meta jiżbaljaw;

ma tagħtix każ it-tfal meta jagħmlu xi żball;

Komunikazzjoni mat-tfal

Kotba bl-istampi

L-iżvilupp tal-vokabularju

Għarfien tal-lingwi

Regola ġenerali

Problemi

## Ta' min jew ta' xhiex huwa t-tort għal din il-problema?

Ħadd m'għandu ħtija għal din il-problema!
Id-*dyslexia* tista' tkun ikkaġunata minn numru ta' fatturi u tista' tmur għall-agħar minħabba sitwazzjonijiet diffiċli d-dar u l-iskola.
It-tfittxija għal xi ħadd li nistgħu ngħabbuh bit-tort hija reazzjoni normali iżda ma tgħin lil ħadd.
Għandu jsir test mediku (għajnejn u widnejn) ta' bilfors fi kwalunkwe każ.

## Huma ġustifikati d-dubji tagħna dwar l-intelliġenza tat-tifel/tifla tagħna?

Nies oħra ħafna drabi jkunu jridu jkunu ta' għajnuna u forsi jgħidulkom li t-tifel/tifla mhux/mhix tajjeb/tajba biżżejjed għall-iskola li qiegħed/qegħda fiha. Madankollu l-verità hi li l-kapaċitajiet tat-tifel/tifla għadhom ma ġewx identifikati verament.
Id-*dyslexia* m'għandha assolutament xejn x'taqsam man-nuqqas ta' intelliġenza.
It-tifel/tifla tagħkom jista' jkollu/ha kapaċitajiet speċjali f'oqsma differenti mill-qari, il-kitba u l-ortografija.
Minkejja d-diffikultajiet li jridu jingħelbu, għandek tirrispetta u taċċetta lill-ibnek/bintek fl-iżvilupp tiegħu/tagħha bħala persuna indipendenti.

## X'nistgħu nagħmlu biex ngħinu lit-tifel/tifla tagħna aħna stess?

- It-tfal għandhom jiġu mgħarrfa ġentilment dwar id-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom iżda għandhom ikunu jafu li jistgħu iserrħu rashom mill-komprensjoni u l-appoġġ tal-ġenituri tagħhom f'kull ħin.
- Id-dar għandha tkun post fejn it-tfal iħossuhom sikuri u protetti. Ma jixraqx li nilqgħu lit-tfal b'mistoqsijiet dwar kif kienet il-ġurnata tagħhom l-iskola.
- Il-ħajja ta' kuljum fid-dar tista' tittejjeb b'rutina regolari li tgħin fl-organizzar ta' l-attivitajiet u li tagħti struzzjonijiet eżatti għal/jew spjegazzjoni ta' l-attivitajiet
- Attivitajiet qosra u responsabbiltajiet żgħar li t-tfal jistgħu jagħmlu jew ikollhom b'konsistenza isaħħu l-mod li bih it-tfal iħarsu lejhom infushom.

**Ħadd m'għandu ħtija**




**Emmen fit-talenti tat-tifel/tifla tiegħek**



**Appoġġ id-dar**



# IS-SITWAZZJONI FAMILJARJI U L-KUNTEST SOĊJALI

## It-tfal jitgħallmu jaqraw permezz tal-qari!

- Tista' tgħin lit-tfal tiegħek jaqraw billi trawwem fihom interess fil-qari. Hija ħaġa tajba li taqra l-kotba lit-tfal tiegħek u wkoll li taqra magħhom.
- Ilagħbu flimkien. *Board games* u logħob interattiv jistgħu jagħtu sehem fl-iżvilupp tal-ħiliet soċjali li t-tfal ikunu jeħtieġu biex isolvu l-problemi, jitgħallmu jistennew dwar meta jkun imisshom jilagħbu u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom stess.

## Fejn nistgħu insibu l-għajnuna?

- Hemm ħafna gruppi ta' esperti u ta' ġenituri li jindirizzaw id-*dyslexia* .
- Huwa importanti li l-ġenituri jkunu infurmati kif jixraq. (Kotba, seminars u diskussjonijiet ma' l-esperti)

## Tkun idea tajba li "nistennew"?

Il-ġenituri kemm-il darba jingħataw parir li jistennew: "l-affarijiet jitranġaw waħedhom. Maż-żmien it-tfal jiġu f'tagħhom...." Dawn huma pariri ħżiena. Id-*dyslexia* ma titlaqx maż-żmien!

- Il-persuna bid-*dyslexia* titgħallem tgħix bil-problema tagħha u titgħallem tuża strateġiji ta' kumpens.
- Aktar ma tingħata l-għajnuna kmieni, aktar tkun effettiva.
- Falliment kostanti jwassal għal nuqqas ta' motivazzjoni u/jew strateġiji negattivi oħra (jirrifjutaw li jagħmlu ċertu affarijiet, eċċ.)
- Dawn l-effetti sekondarji ħafna drabi jiġu indirizzati b'aktar diffikulta aktar kemm jgħaddi żmien.

## U jekk it-tfal tagħna huma aggressivi jew magħluqin fihom infushom?

- It-tfal li kontinwament jesperjenzaw il-falliment u l-umiljazzjoni ħafna drabi jiżviluppaw problemi ta' mġieba.
- Jistgħu wkoll juru sintomi psikosomatiċi.
- Huwa importanti li l-fiduċja tat-tfal terġa' tinbena billi ma tingħatax importanza żejda lill-kisbiet fl-iskola.
- Jekk is-*self-esteem* tat-tfal tkun baxxa, tista' titfittex għajnuna mill-għalliema u/jew psikologu.

**Appoġġ id-dar**



**Għajnuna professjonali**



**Tistenniex**



**Problemi ta' mġieba**



## IS-SITWAZZJONI FAMILJARJI U L-KUNTEST SOĊJALI

### X'għandna nagħmlu meta jindaħlu l-qraba jew il-ħbieb?

**Indħil mill-oħrajn**

- Spjega l-problemi lill-qraba u l-ħbieb
- Meta jkun hemm problemi l-iskola, aċċetta l-għajnuna. Madankollu taċċettax indħil żejjed!

### X'nistgħu nagħmlu jekk l-aħwa jgħiru?

**L-għira ta' l-aħwa**

- Huwa importanti li nispjegaw is-sitwazzjoni tat-tifel/tifla lill-aħwa sabiex inżidu l-konsiderazzjoni tagħhom lejn it-tifel/tifla. L-għajnuna reċiproka bejn l-aħwa għandha tiġi appoġġata.
- It-tifel/tifla bid-*dyslexia* m'għandux/m'għandhiex tiġi mqabbla kontinwament ma' ħutu/ħutha.
- It-tfal bid-*dyslexia* jirrikjedu ħafna mill-ħin tal-ġenituri, u għalhekk huwa importanti lit-tfal l-oħra ma jintesewx.



### Lit-tfal għandna ngħinuhom bix-xogħol ta' l-iskola li jingħataw?

**Appoġġ għall-indipendenza**



- It-tfal għandu jkollhom il-post tagħhom fejn jaħdmu.
- Għandna ninkoraġixxu attitudni pożittiva. L-għajnuna hija meħtieġa, imma biss "għajnuna li twassal biex it-tfal jibdew jaħdmu għal rashom"
- Għandna ninkoraġixxu lit-tfal sabiex ikunu indipendenti inkella jibdew jaħsbu li ma jistgħux jaħdmu mingħajr għajnuna.
- L-istruzzjonijiet u l-ispjega għandhom ikunu qosra u konċiżi.
- It-tfal bid-*dyslexia* jistgħu jikkonċentraw biss għal ħinijiet qosra. Għalhekk huwa importanti li tagħżel u tippjana waqfiet qosra.
- Jekk tkun meħtieġa aktar prattika mat-tfal huwa importanti li ma jinqabiżx il-ħin allokat minn qabel.
- Huwa aħjar li tieħu pass lura u tagħti lit-tifel/tifla sens ta' kisba milli li tgħaddu għal livell ogħla mingħajr suċċess. Attitudni pożittiva u sforzi kbar għandhom jiġu mfaħħra, anke jekk it-tifel/tifla ma jirnexxielux/jirnexxilhiex i/tlesti l-eżerċizzju b'suċċess.

**Oħloq opportunitajiet għas-suċċess**

# INTERAZZJONI BEJN L-ISKOLA U L-ĠĠENITUR

## It-tifel/tifla tiegħi huwa/hija eċċezzjoni fil-klassi?

**Minsija?**

- Bosta ġenituri għandhom l-impressjoni li t-tfal tagħhom huma l-uniċi li għandhom il-problemi għaliex ma jkunux jafu lill-bqija tal-klassi.
- Ftakar li dejjem ikun hemm ftit studenti f'kull klassi li jkollhom diffikultajiet biex jaqraw, jiktbu u jispellu.

## Kif nista' nkellem lill-għalliema dwar il-problemi tat-tfal tiegħi?

**Kuntatti ma' l-għalliema**



- Il-kisbiet tat-tfal ħafna drabi jvarjaw minn estrem għall- ieħor u l-għalliema dan ma jkunux jistgħu jifhmuh, speċjalment meta l-kisbiet xi drabi jilħqu l-ogħla livell "Jirnexxielek, jekk trid.").
- Huwa importanti li tkellem lill-għalliema dwar il-problema u titlobhom l-għajnuna.
- Uri li int lest li tgħin lit-tfal billi tikkooperaw ma' l-għalliema u evitaw li l-għalliema jħossuhom li qegħdin tagħmulhom xi pressjoni.
- Itolbu lill-għalliema sabiex jeżaminaw lit-tfal tagħkom oralment minflok b'eżami bil-miktub fejn ikun possibli.

## X'nista' nagħmel meta l-għalliema ma' jiħdux il-problema tagħna bis-serjetà?

**X'jistgħu jagħmlu l-ġenituri?**

- Il-ġenituri jistgħu jirrikorru għand il-kap ta' l-iskola, l-awtorità lokali ta' l-edukazzjoni u gruppi ta' appoġġ tal-ġenituri.
- Il-ġenituri jistgħu jiltaqgħu, jiffurmaw assoċjazzjonijiet ta' għajnuna u jsiru attivi permezz ta' dan il-grupp.

## Problemi li sikwit jissemmew fil-qasam tal-kooperazzjoni bejn il-ġenituri u l-iskola:

**Kooperazzjoni bejn il-ġenituri u l-iskola**



- Umiljazzjoni tat-tfal mill-għalliema
- Nuqqas ta' taħriġ ta' ċerti għalliema fil-ħidma mat-tfal bid-*dyslexia*
- *Bullying* mit-tfal
- L-iskola primarja fejn kienu jmorru t-tfal fil-bidu ma riditx tammetti li kien hemm problema

## INTERAZZJONI BEJN L-ISKOLA U L-ĠĠENITUR

- L-attitudni ta' l-għalliema lejn it-tfal u l-ġenituri
- Il-ġenituri mhux sodisfatti bil-mod li t-tfal jitħejjew għall-eżamijiet ta' l-iskola

### X'jista' jsiru f'każijiet bħal dawn?

**Qis tajjeb il-ħtiġijiet individwali**

- ***Tħossokx ħati.*** Tagħti t-tort lil ħadd – la lilek innifsek u lanqas lil ħaddieħor. Minflok ftakar li kulħadd huwa uniku u speċjali, bħat-tifel/tifla tiegħek.
- ***Dejjem ftakar li inti speċjalista fir-rigward tat-tfal tiegħek.*** Aċċetta pariri tajba minn speċjalisti oħra (għalliema, psikologi, eċċ.). Madankollu immodifika l-pariri skond il-ħtiġijiet reali tat-tfal tiegħek.



**Sħubija ma' l-iskola**

- ***Kun attiv fl-iżvilupp ta' sħubija bejnek u l-iskola ta' ibnek/bintek.*** Ftakar li forsi l-iskola ta' ibnek/bintek tista' ma' tirrikonoxxix il-ħin kollu l-importanza tal-kooperazzjoni u s-sħubija bejn l-iskola u l-ġenituri.
- ***Aqbeż għat-tfal tiegħek!*** Jekk ma tiddefendix id-drittijiet tat-tfal tiegħek, tistenniex li ħaddieħor jagħmel dan.

**Il-bini tal-kunfidenza**

- ***Ibni l-kunfidenza tat-tfal fihom infushom kif ukoll il-motivazzjoni.*** Dejjem tista' ssib xi ħaġa x'tapprezza fit-tfal tiegħek. Ipprova sibha u użaha bħala motivazzjoni.
- ***Tajjeb li tistenna ħafna minnhom, iżda kun realistiku.*** L-aspettattivi huma kundizzjonijiet meħtieġa għas-suċċess fi kwalunkwe qasam, iżda dejjem qabbilhom mar-realtà.

**Immira għal kisbiet realistiċi**

- ***Iffissa miri raġonevoli.*** Peress li inti l-ispeċjalista fir-rigward tat-tfal tiegħek, li verament taf x'jeħtieġu, inti kapaċi tiffissa miri realistiċi għalihom.



- ***Tagħmilx għat-tfal dak li jistgħu jagħmlu waħedhom.*** Tkunx protettiv iżżejjed. It-tfal tiegħek huma kapaċi daqs tfal oħra. Sempliċement għandhom bżonn aktar ħin, tolleranza u konsiderazzjoni.

# INTERAZZJONI BEJN L-ISKOLA U L-ĠENITURI

**Qis tajjeb l-istil ta' tagħlim**

***Qis tajjeb l-istil ta' tagħlim tat-tfal tiegħek.*** Wara evalwazzjoni tat-tfal tiegħek, għinhom jitgħallmu bl-aktar mod li jixirqilhom.

**Il-Ġejjieni**

***Aħseb fit-tul u kun paċenzjuż.*** Jaf jagħti l-każ li t-tfal tiegħek jeħtieġu ħafna aktar ħin mill-oħrajn biex jitgħallmu jaqraw, jiktbu u jispellu. Madankollu dan ma jfissirx li m'hemmx tama għall-ġejjieni: Kun pożittiv!



# X'JISTA' JGĦIN LIT-TFAL DIŻLESSIĊI FL-ISKOLA

**SABIEX IT-TFAL DIŻLESSIĊI JINGĦATAW L-GĦAJNUNA HUWA IMPORTANTI LI JSIR SKAMBJU REGOLARI TA' INFORMAZZJONI BEJN IL-ĠENITURI U L-GĦALLIEMA.**

X'qalu t-tfal:

- L-iskola mmur biex nieħu pjaċir. L-iskola trid tkun ukoll post fejn naħdem ħafna imma fejn ma jkunx hemm mniex nibża'.
- Nixtieq nitgħallem ma' l-oħrajn u kulħadd għandu jkun lest jaqsam dak li jaf ma ħaddieħor.
- Ma rridhomx jidħqu bija għax nagħmel l-iżbalji. Dan iweġġagħni.
- Nixtieq għandi l-kuraġġ nagħmel il-mistoqsijiet.
- Nixtieqhom ifaħħruni għal dak li jkun irnexxieli nikseb.
- Irrid insir naf l-aħjar mod kif nitgħallem.
- Nixtieq naf naqra, nikteb u nispelli sew.
- Nixtieq inkun naf kif meta toqgħod attent u tikkonċentra tkun qed tgħin lilek innifsek titgħallem.
- Kemm nixtieq imqar darba waħda biss niġi l-ewwel f'xi test.
- Kemm nixtieq naqra ħafna kotba twal ma jispiċċaw qatt u nitgħallem minnhom.

## Modi kif tgħin

L-aħjar mod kif tgħin lit-tfal li għandhom diffikultajiet speċifiċi biex jitgħallmu jaqraw, jiktbu u jispellu huwa li tuża metodi differenti fil-lezzjonijiet jew ma' l-individwi. Huwa importanti ħafna li l-għalliem jew l-għalliema jkunu kapaċi jagħrfu l-bżonnijiet partikolari tat-tfal u jirreaġixxu bil-mod xieraq.



**Verament nixtieq nitgħallem**




**Modi kif tgħin**



# X'JISTA' JGHIN LIT-TFAL DIZLESSICI FL-ISKOLA

Il-prinċipji bażiċi meħtieġa għal min jgħallem u għal dawk li qed jitgħallmu huma l-kapaċità li tirrispetta fejn hu b'saħħtu u fejn hu dgħajjef ħaddieħor, u li tifhem lill-ħaddieħor u tinteressa ruħek fih. B'hekk tkunu tistgħu tiffaċċjaw il-problemi flimkien.

Mid-djarju ta' omm:

*Lil ibni reġgħu beżbżulu widintu talli ma kienx attent għal-lezzjoni. Id-dar jidher li jsib inqas problemi biex jitgħallem. Forsi huwa impossibbli għal ibni li jikkonċentra meta jkun l-iskola. Meta mort l-iskola, ħadt l-impressjoni li l-ambjent tat-tagħlim ma kienx tajjeb daqs kemm jista' jkun.*

**Suġġerimenti**:

- It-tfal jiżviluppaw u jimmaturaw b'rati differenti. Għalhekk, huwa importanti li matul l-ewwel snin ta' skola ma titgħabbiex ħafna pressjoni żejda fuq it-tfal.
- It-tfal għandhom jiġu nkuraġġiti jiktbu ċar u pulit. B'hekk isibuha eħfef jiċċekkjaw xogħolhom stess. Għalhekk, it-tfal m'għandhomx ikunu taħt pressjoni meta jkunu qed jiktbu.
- Jekk tifel jew tifla jkollhom problemi serji biex jiktbu, dan jista' jfisser li hu jew hi qed ibatu mid-*dyslexia*.
- Meta t-tfal ikunu mġiegħla jaqraw jgħajtu fi stadju bikri ħafna, dan jista' jwassal għal stat ta' biża' u mbagħad għal falliment. Ikun aktar jaqbel jekk l-għalliema jqabbdu lill-voluntiera jew jaħdmu b'kitbiet qosra li t-tfal jistgħu jħejju minn qabel.

**Prinċipji bażiċi**



**Anqas problemi biex jitgħallmu d-dar milli l-iskola**



**Jibdew l-iskola**



# X'JISTA' JGHIN LIT-TFAL DIZLESSICI FL-ISKOLA

- Jekk tifel jew tifla għandhom problema biex jaqraw, jisimgħu, jikkonċentraw jew għandhom tendenza li jkunu faċilment distratti, żgura ruħek li l-iskrivanija/il-mejda tagħhom tkun tinsab f'post xieraq. It-tfal għandhom ikunu f'post mnejn ikunu jistgħu jaraw sewwa lill-għalliem/a u l-bord waqt lezzjoni fil-klassi jew meta t-tfal ikunu jridu jikkupjaw minn fuq il-bord.

- Jekk it-tifel jew tifla jikkonċentrawx jew le jiddependi ħafna minn jekk maġenbhom hemmx bilqiegħda persuna adattata. Tfal kwieti jgħinu biex jikkwitaw lil tfal fuq ruħhom filwaqt li tfal fuq ruħhom jafu jkunu kawża ta' distrazzjoni. L-għalliema għandhom joqogħdu b'seba' għajnejn miftuħa għal dan u jitkellmu mat-tfal u mal-ġenituri dwar is-sitwazzjoni fil-klassi.

- It-tfal li jkunu sensittivi għall-istorbju, ħafna drabi jkollhom il-problemi biex jinjuraw il-ħsejjes fl-isfond. Dawn it-tfal ikollhom bżonn post kwiet fil-klassi.

- Jekk tifel jew tifla jkunu qed jaħdmu aħjar id-dar milli l-iskola, il-kawża ta' dan tista' tkun il-biża' jew is-sensittività tagħhom għall-istorbju. Jekk biex jitgħallmu fil-klassi t-tfal ikunu qed jagħmlu sforz kbir, allura dawn ikunu jinħtieġu l-appoġġ.

- Meta jintuża l-*overhead projector*, xi tfal jista' jkollhom problemi jaqraw l-ittri suwed fuq sfond abjad. Għal dawn it-tfal dan jista' jkun ta strapazz kbir. Allura għandhom jingħataw ħafna ħin biex jikkupjaw in-noti li jidhru fuq l-*overhead*.

- Għandhom jiżżewqu sewwa l-perjodi ta' ħidma u l-perjodi tal-logħob. Il-btajjel għandhom jintużaw l-ewwel u qabel kollox biex it-tfal jistrieħu. Madankollu, jekk it-tifel jew it-tifla jkunu jridu, għandhom jaqraw xi ktieb jew inkella jkun hemm xi ħadd min jaqralhom. Ikun tajjeb ukoll jekk ikollhom għajnuna biex jippjanaw il-ħin liberu tagħhom.

**Titjib fil-konċentrazzjoni waqt il-ħin ta' l-iskola**



**Problemi bl-istorbju**



***Overhead projector***



**Btajjel**

**Mistrieħ**



# X'JISTA' JGHIN LIT-TFAL DIZLESSICI FL-ISKOLA

**Minn djarju ta' omm:**

*Ix-xogħol miktub, speċjalment l-komponiment, huwa terribbli u piż fuq il-familja kollha. Ibni ma jibżax daqstant mix-xogħol innifsu milli mill-marka li se jġib. Meta l-għalliema tgħidlu biex jipprattika u jaħdem aktar, dan isewdilna qalbna għax ibni ma jafx kif għandu jipprattika. Irrid inkellem lill-għalliema dwar dan.*

**Biża' mill-marki għax-xogħol miktub**



**Suġġerimenti**:

- Il-parir għal aktar prattika ġeneralment jingħata b'intenzjoni tajba imma jista' jaqla' l-problemi. Il-ġenituri jeħtieġu struzzjonijiet preċiżi u l-għajnuna biex jipprattikaw ma' wliedhom. Il-prattika li ma twassalx għas-suċċess lit-tfal iddgħajfilhom ir-rieda għax-xogħol u tikkawża frustrazzjoni u stress.

**Ipprattika aktar!**

- It-tifel jew tifla m'għandhom la jkunu sfurzati żżejjed u anqas mhux biżżejjed. Jekk ikunu għamlu ħin jipprattikaw problemi ta' l-ortografija, agħżlilhom xi ħaġa eħfef x'jagħmlu.

**It-tfal la għandhom ikunu sfurzati żżejjed u anqas mhux biżżejjed.**

- It-tfal jeħtieġu jħossuhom żguri minnhom infushom meta jkunu qed jagħmlu l-*homework* u biex iħossuhom hekk jgħinuhom ħafna l-istruzzjonijiet ċari (jekk ikun hemm bżonn, bil-miktub). Għandhom jintużaw eżempji mill-lezzjoni biex ikun spjegat kif għandha ssir biċċa xogħol.

**Struzzjonijiet ċari**



- Il-paragun bejn kliem li jkun qisu l-istess imma mhux għal kollox (*there-their* (Ingliż)/dahar/dar) lit-tfal jista' jħawwadhom. Aħjar jipprattikaw l-ewwel kelma (*there*/dahar) għal ġimgħa sħiħa u mbagħad wara jipprattikaw it-tieni kelma (*their*/dar) għal ġimgħa oħra. Il-kliem jitqabbel biss meta t-tfal ikunu żguri li ma jitħawduhx.

**Il-paragun ta' kliem jixtiebah**

- Ikun ta' għajnuna jekk it-tfal jitħallew jirrepetu f'qalbhom ir-regola ta' l–ortografija huma u jiktbu eż l-ebda kelma ma' tispiċċa hu ħlief il-kelma x'inhu.

**Jirrepetu r-regoli f'qalbhom**

# X'JISTA' JGHIN LIT-TFAL DIZLESSICI FL-ISKOLA

Meta tkun mgħallma xi ħaġa ġdida, titwettaq il-prattika jew issir ir-reviżjoni, għandhom jintużaw diversi modi ta' tagħlim eż. it-tagħlim isir min-naħa ta' quddiem tal-klassi, isir tagħlim fi gruppi li jaħdmu b'mod indipendenti eċċ. L-użu ta' diversi metodi jgħin lit-tfal biex joqogħdu attenti u jikkonċentraw.

**Diversi metodi**

**Mid-djarju ta' omm:**

*Illum ibni kien imferxex ħafna u ma kienx qed jikkonċentra waqt li kien qed jipprattika. U fl-aħħar sibt x'kienet il-problema. Għada għandu eżami. Ipprattikajna biżżejjed? Bdejna nirrevedu kmieni kemm jista' jkun? Ibni jibża' mill-eżamijiet iżda rridu nitgħallmu ngħixu ma' dan il-fatt. Kif nista' ngħin lil ibni biex ma jkunx daqshekk eċċitat ħalli r-riżultati jirriflettu x'kapaċi jagħmel it-tifel?*

**Biża' mill-eżamijiet**




**Suġġerimenti:**

- Spjega lit-tfal bil-paċenzja u b'mod li huma jistgħu jifhmu kif l-eżamijiet huma parti neċessarja mill-proċess tat-tagħlim. Li jibdew jirrevedu minn kmieni u li jkollhom għanijiet ċari jgħin biex it-tfal iħossuhom preparati. Huma għandhom iħossu li jkunu rrevedew sewwa u li lesti biex juru x'jafu.

**Reviżjoni kmieni kemm jista' jkun**

- It-tfal għandhom bżonn l-għajnuna biex jorganizzaw ir-reviżjoni tagħhom għal eżamijiet differenti, biex jitgħallmu poeżiji eċċ. bl-amment, biex jippreparaw xi proġett jew biex jiktbu l-komponimenti.

**L-organiżżazzjoni tax-xogħol**



# X'JISTA' JGĦIN LIT-TFAL DIZLESSICI FL-ISKOLA

- Il-kompiti ta' l-eżamijiet tal-kitba għandhom jintużaw biex ma jħallux lit-tfal jikkupjaw il-mistoqsijiet fil-ktieb tagħhom. M'għandux ikun hemm ħafna suġġetti għar-reviżjonipermezz ta' ħafna kitba.
- Jekk it-tfal kontinwament jispellu kliem b'mod differenti, tkun idea tajba li jsir magħruf jekk it-tfal għandhomx problemi biex iżommu l-informazzjoni f'moħħhom.
- It-tfal li jbatu bid-*dyslexia* għandhon jingħataw aktar ħin waqt l-eżamijiet jew inkella l-kitba eċċ. fl-eżamijiet għandha tkun mill-inqas.
- Għandha ssir enfasi fuq il-kwalitajiet tajba tat-tfal meta jkun qed jiġi mmarkat eżami. Qabel ma jsir eżami għandu jingħad kliem ta' inkoraġġiment biex it-tfal iħossuhom komdi.
- Għandu jingħata materjal biex ikun ipprattikat ħafna żmien qabel l-eżami sabiex it-tfal ikunu ppreparati tajjeb. Is-suċċess jagħti l-motivazzjoni lit-tfal u b'hekk iħossuhom aktar kunfidenti.
- It-testijiet orali joffru lit-tfal li jbatu bid- *dyslexia* opportunità akbar biex jirnexxu minħabba li ma jkunx hemm il-biża' li jagħmlu żbalji ta' l-ortografija.
- Proġetti li jkunu ppjanati sew, fejn kull tifel/tifla jista'/tista' joħroġ/toħroġ il-kwalitajiet sbieħ tiegħu/tagħha, jimmotivaw lit-tfal biex jitgħallmu b'mod indipendenti u jagħtuhom aktar kunfidenza u jżidulhom is-sens ta' kreattività.
- Il-marki għandhom ukoll jinkludu l-mod kif it-tfal jipparteċipaw waqt il-lezzjonijiet. Il-piż ta' l-eżamijiet tal-kitba għandu jeħfief billi jintużaw aktar testijiet orali. Dan jagħti lit-tfal opportunità aħjar li jirnexxu fuq bażi regolari u jżidilhom aktar l-istima lejhom infushom.

**Mhux ħafna suġġetti għar-reviżjoni**

**ĦIN**



**L-immarkar ta' l-eżamijiet**




**Il-materjal biex ikun ipprattikat**

**Aktar testijiet orali**



**PROĠETTI**

**Jieħdu sehem waqt il-lezzjonijiet**

# X'JISTA' JGHIN LIT-TFAL DIZLESSICI FL-ISKOLA

It-tfal li jbatu bid-*dyslexia* jieħdu gost imorru l-iskola jekk jitqiesu l-bżonnijiet tagħhom għat-tagħlim.

L-iskola tista' taghti l-għajnuna tagħha lit-tfal billi:

- Tagħti pariri lill-ġenituri
- Ikollha għalliema speċjalizzati biex jgħallmu studenti bid-*dyslexia*
- Tingħata għajnuna individwali
- Issir ħidma flimkien mal-ġenituri u l-ulied

**Kotba rilevanti**


DYSPEL (2004 – REPRINT). *DYSLEXIE – LEGASTHENIE – DYSLEXIA. „STRATÉGIES POUS RÉUSSIR A L'ÉCOLE - STRATEGIEN FÜR ERFOLG IN DER SCHULE – STRATEGIES FOR SUCCESS IN SCHOOLS"*

SCHUBI LERNMEDIEN GMBH, GOTTMADINGEN, D. (VGL AUCH KAP. 2,3,4,5,6,8,9).


**Jieħdu gost imorru l-iskola**

Pariri



## MOTIVAZZJONI U KUNFIDENZA: Strateġiji pożittivi għall-imġieba

**Jekk it-tfal bid-*dyslexia* l-ħin kollu jesperjenzaw fallimenti, se jkollhom kunfidenza baxxa u se jaqtgħu qalbhom. Xi drabi l-ġenituri ma jkunux jafu liema bieb se jħabbtu għall-għajnuna u jiffrustraw rwieħhom.**

**Inħossni falliment**

It-tifel jaħseb: Jiena falliment!

M'iniex tajjeb daqs l-oħrajn.

In-nies ma jemmnux li nista' nġib marki tajbin.

Ninkwieta dwar kull biċċa xogħol.

Nixtieq nuri lin-nies li jien ukoll tajjeb f'xi ħaġa.

Ma nazzardax nistaqsi.

**Ċirku vizzjuz**



Is-sitwazzjoni t'hawn fuq għandha konsegwenzi kbar fuq it-tagħlim tat-tfal u l-imġieba tagħhom. L-esperjenza tal-falliment darba wara l-oħra u aspettattivi konfliġġenti jipperikolaw is-suċċess fit-tagħlim u jistgħu iwasslu għal falliment ulterjuri.

**Soluzzjoni**

Is-soluzzjoni tinsab f'żewġ oqsma li jridu jinħadmu flimkien: il-motivazzjoni u l-iżvilupp tas-*self-esteem* tat-tfal.

**Motivazzjoni**



- Il-motivazzjoni hija r-raġuni għalfejn xi ħadd jagħmel xi ħaġa jew jġib ruħu b'xi mod.
- Din tressaq persuna lejn il-miri tagħha.
- Il-motivazzjoni tista' tkun il-forza li tmexxi t-tagħlim u għalhekk tista' tkun ta' għajnuna għat-tagħlim.
- Il-motivazzjoni tqajjem interess fis-suġġetti, tgħin lill-persuna issib soluzzjonijiet għal diffikultajiet li tiltaqa magħhom fit-tagħlim.
- Il-motivazzjoni hija l-qofol ta' jekk persuna titgħallimx b'suċċess jew le.

**Self-esteem**: Kif inħossni fuqi nnifsi

## Il-MOTIVAZZJONI U L-KUNFIDENZA

Meta t-tagħlim ikun immotivat, dan ikollu rwol pożittiv fl-iżvilupp tal-karattru tat-tfal.
Ħafna drabi l-motivazzjoni tiġi affettwata mill-komunikazzjoni bejn il-ġenituri, l-għalliema u t-tfal u normalment hija proċess fuq żewġ binarji.

It-tfal jistgħu jiġu mmotivati permezz ta' sentenzi bħal:
"Jiena ċert li int kapaċi. Urini kemm int kapaċi!"
"Qed nistenna xogħlok b'ħerqa. Ċert li se jkun xogħol tajjeb!"
" ... ser itina l-eżempju li jmiss. Hu/hi ħadem/ħadmet tajjeb ħafna."
B'hekk it-tfal ikunu ħerqana għat-tagħlim għaliex huma jkunu jistgħu jipparteċipaw u jħossu li s-suċċess huwa possibbli. L-għalliema u l-ġenituri jistgħu joħolqu opportunitajiet li jżidu l-ħerqa għat-tagħlim. Per eżempju:

- joffru attivitajiet interessanti
- joħolqu possibbiltà għas-suċċess, jagħtu premjijiet
- jagħtu post sikur lit-tfal fejn dawn ikunu jistgħu jiżbaljaw, filwaqt li jiżguraw il-progress

Ikun tajjeb li ninkludu t-tfal f'dan il-proċess u ngħinuhom jindunaw bir-responsabbiltà tagħhom fit-tagħlim.
Ninkoraġġuhom isaqsu "għaliex?", Eż:

- Għaliex neħtieġ nipprattika?
- Għaliex huwa importanti li nagħti sehemi fil-klassi?
- Għaliex huwa importanti li nistaqsi mistoqsijiet tajbin?
- Għaliex huwa importanti li l-post fejn naħdem ikun ordnat?

Flimkien mat-tfal tistgħu issibu tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet sabiex issibu motivi tajbin għal dak kollu li nagħmlu.

- Meta nżomm kollox pulit, niffranka l-ħin, u b'hekk....
- L-iżbalji jsiru però rrid innaqqashom
- Hija ħaġa tajba li nsaqsi għax dan ifisser li qed nieħu sehem.

**Il-motivi u l-motivazzjoni jistgħu jgħinu sabiex il-proċess tat-tagħlim għal kull individwu jkun iktar sħiħ, attiv u intensiv. Huma assolutament meħtieġa sabiex it-tagħlim ikun suċċess. Meta l-istudent ikun motivate, it-tagħlim ikollu impatt pożittiv fuq l-iżvilupp tal-karattru tat-tifel/tifla.**

Motivazzjoni permezz ta' l-inkoraġġiment



Oħloq l-opportunitajiet

**Il-mistoqsijiet "Għaliex?"**



**Motivi**

# Il-MOTIVAZZJONI U L-KUNFIDENZA

**Il-kunfidenza**: *Self-Esteem*

Liema hu r-rwol tal-kunfidenza fit-tagħlim u fl-imġieba tat-tfal? Hemm żewġ partijiet:

Il-jien: għandu x'jaqsam ma' l-individwalità tal-persuna, u

L-istima: li tistma lilek innifisek b'mod tajjeb, li tirrispetta lilek innifsek

Kull persuna għandha l-kunfidenza fiha nnifisha, il-mod li bih kull persuna tara nnifisha. Kull persuna għandha l-ideali u l-għanijiet tagħha u l-idea ta' kif dawn jistgħu jintlaħqu. Għalhekk jeħtieġ naċċettaw li:

- it-tfal kollha għandhom ix-xewqat u l-ħolm tagħhom
- il-ġenituri u l-għalliema jistgħu jgħinuhom ikunu realistiċi
- id-diffikultajiet jistgħu ikunu ta' inċentiv għat-tagħlim iżda biss sakemm ikunu garanzija ta' suċċess
- il-kunfidenza tat-tfal tista' tmur lura jekk huma jiffaċċjaw diffikultajiet b'mod kontinwu
- it-tfal ikunu iktar konxji bin-nuqqas tal-kisbiet tagħhom meta mqabbla ma' tfal oħrajn u ħafna drabi jimmaġinaw lilhom infushom magħluqin fi sqaq. Jibdew jaraw lilhom infushom bħala falliment.

**Ħafna drabi kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal jistressaw irwieħhom u dawn il-fatturi ta' stress akut malajr jistgħu jaffettwaw it-tagħlim u l-imġieba, per eżempju:**

- ma tidher l-ebda soluzzjoni għall-problemi
- l-istruzzjonijiet ma jiġux mifhuma
- it-tfal kontinwament jitqabblu ma' oħrajn li jkunu aħjar
- isiru żbalji li jġiegħlu lill-klassi kollha tidħak bihom
- huma jiġu mfakkra l-ħin kollu biex jipprattikaw iżjed

**Ir-reazzjonijiet possibbli tat-tfal:**

- huma jingħalqu fihom infushom – isiru passivi
- huma jipprotestaw, isiru aggressivi jew il-buffi tal-klassi
- ma jkunux iridu jmorru iktar skola

Jekk il-ġenituri u l-għalliema jagħrfu dan il-proċess mingħajr dewmien, dawn il-fatturi ta' stress akut jistgħu jiġu evitati jew imnaqqsa.

**Kunfidenza**



**Il-kunċett tal-kunfidenza**

**Stress**



**Ir-reazzjonijiet tat-tfal**

## Motivazzjoni u stima tat-tfal lejhom infushom

Is-sitwazzjoni ssir ferm aktar diffiċli jekk il-fatturi ta' stress isiru kroniċi għaliex dan mhux biss jeffettwa t-tagħlim imma wkoll l-iżvilupp mentali sħiħ tat-tfal. L-istress ta' kuljum li t-tfal iħabbtu wiċċhom miegħu l-iskola u d-dar għandu effett negattiv fuq il-proċessi (mentali) ta' kif jaħsbu (pereżempju, il-konċentrazzjoni, il-memorja, is-soluzzjoni tal-problemi). Il-ħames passi li ġejjin jistgħu jgħinu biex itaffu l-istress kroniku u jibnu l-istima tat-tfal lejhom infushom.

**Titjib ta' l-istima tat-tfal lejhom infushom - 5 passi:**

**1. Komunikazzjoni**

Jekk tinqala' sitwazzjoni tipika ta' stress, tkellmu dwarha flimkien.

Ippjanaw is-soluzzjoni pass pass. B'hekk it-tifel jew tifla jiġu kkonfrontati bis-sitwazzjoni.

**2. Prattika**

Ipprattika b'sitwazzjoni stressanti billi tuża l-eżempji:

. ikkonċentra fuq ix-xogħol li jrid isir!

. tħallix is-sitwazzjoni tagħmel bik.

**3. Iġġenera sens ta' sigurtà u tama.**

Iġġenera sens ta' sigurtà u tama, filwaqt li tħalli lit-tifel jew tifla jikkommettu l-iżbalji mingħajr ma jiġu ġġudikati minħabba dan. Madankollu, lit-tfal għandek tagħmlilhom il-qalb biex jaħdmu fuq l-iżbalji tagħhom biex ma jerġgħux.

**4. Faħħar**

Faħħar lit-tfal regolarment għaliex it-tifħir dejjem ikabbar l-istima lejk innifsek. Kun onest/a dwar il-fallimenti u aħdmu fuqhom flimkien.

**5. Paċenzja**

Jiġri x'jiġri, l-għalliema u l-ġenituri m'għandhomx jitilfu l-paċenzja. It-tfal għandhom iħossu li qegħdin jiġu ggwidati bl-imħabba.

**IR-RELAZZJONIJIET POŻITTIVI BEJN IT-TFAL, IL-ĠENITURI U L-GĦALLIEMA HUMA L-MUFTIEĦ GĦAS-SUĊĊESS.**

**Riżultati ta' l-istress**

**5 passi Komunikazzjoni**

**Prattika**

**Tama**

**Tifħir**

**Paċenzja**

## STRATEĠIJI TA' TAGĦLIM U STILI TA' TAGĦLIM

**L-Istili ta' tagħlim huma modi differenti li permezz tagħhom il-persuni jirnexxielhom jitgħallmu.**
Huwa importanti li t-tfal bid-*dyslexia* jingħataw appoġġ biżżejjed li jgħinhom jiżviluppaw strateġiji effettivi ta' tagħlim.

**Il-fatturi importanti li ġejjin jinfluwenzaw it-tagħlim tat-tfal:**

- **Il-preferenzi individwali għat-tagħlim** : it-tfal tiegħek jippreferu jitgħallmu permezz ta' mod viżiv, permezz tas-smigħ jew kinestetikament?
- **It-tip ta' karattru:** it-tfal tiegħek iħobbu jirriskjaw jew magħmulin joqogħdu aktar attenti u riflessivi?
- **Il-fatturi soċjali**: it-tfal tiegħek jippreferu jaħdmu għal rashom jew fi grupp?
- **L-ipproċessar** : it-tfal tiegħek għandhom punti tajbin fl-oqsma tal-memorja, tal-komprensjoni u ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni?
- **Il-moviment**: it-tfal tiegħek jippreferu jitgħallmu b'mod attiv u sperimentali jew iktar permezz ta' mod passiv u billi jaraw u jikkuppjaw?
- **Fatturi oħra:** l-ambjent skolastiku, l-ambjent tat-tagħlim u l-atmosfera fil-klassi, l-istil tat-tagħlim, kemm nistennew mit-tfal u l-kundizzjonijiet tat-tagħlim fi ħdan il-familja.

**Kif jistgħu it-tfal jitgħallmu kif jitgħallmu?**
Innota l-preferenzi tagħhom fit-tagħlim:

- Viżwalment: permezz ta' vidjows, films eċċ.
- Permezz tas-smigħ
- Kinestetikament: billi jagħmlu huma stess affarijiet

Huwa importanti wkoll li jiġu kkunsidrati l-preferenzi ta' l-ambjent fejn it-tfal jippreferu jaħdmu, bħal:

- Id-dawl
- Id-diżinn
- Ħsejjes/mużika
- Jaħdmu għal rashom jew fi grupp

**Nitgħallmu kif Nitgħallmu**

**Fatturi individwali importanti**





**Kif jitgħallmu**



## STRATEĠIJI TA' TAGĦLIM U STILI TA' TAGĦLIM

**10 ideat għat-tfal, il-ġenituri u l-għalliema li jgħinu biex it-tagħlim isir b'mod aktar effettiv:**

1. Post xieraq għall-istudju, ħinijiet regolari għall-istudju u materjal ta' studju li jkun dejjem lest
2. Ibda b'xi ħaġa ħafifa
3. Ibdel regolarment bejn l-attività ta' xogħol ta' kitba u xogħol orali
4. Titgħallimx affarijiet simili b'mod konsekuttiv.
5. Tgħallem ieqaf milli tkun qed tagħmel, ibdel minn suġġett għal ieħor, u ieqaf strieħ.
6. Il-materjal ta' l-istudju għandu jinfirex b'mod ċar u ordnat
7. Tgħallem permezz tas-sensi kollha: is-smigħ - il-ħars – il- mess
8. Uża l-*multi-media* (PC, MP3, *cassette recorder* DVD/vidjow) sabiex tgħin fit-tagħlim
9. Tgħallem b'mod attiv fil-klassi u d-dar. Dan ifisser li għandek tisma' – taħseb - tistaqsi mistoqsijiet
10. Uża l-motivazzjoni biex tasal għal tagħlim ta' suċċess. Emmen fik innifsek!

**Strateġiji ta' tagħlim**

L-istrateġiji tat-tagħlim jgħinu t-tagħlim. Huma juru l-mod kif għandhom jiġu indirizzati ċerti problemi. L-użu ta' strateġiji jsir iktar effettiv jekk jiġu kkunsidrati l-istili differenti ta' tagħlim tat-tfal.

L-istrateġiji tat-tagħlim għandhom jiġu mgħallma pass wara pass:
- permezz ta' eżempji
- dimostrazzjoni
- prattika f'sitwazzjonijiet mill-ħajja ta' kuljum

It-tfal m'għandhomx jitgħallmu biss l-istrateġiji , iżda għandhom jibqgħu jużawhom ukoll.

**Ideat għat-tagħlim**



**Kundizzjonijiet**



**Strateġiji ta' tagħlim**



## STRATEĠIJI TA' TAGĦLIM U STILI TA' TAGĦLIM

**X'inhu l-aħjar mod ta' kif wieħed jagħmel biċċa xogħol?**

It-tfal għandhom ikunu jafu l-għan li għandu jintlaħaq meta jkunu qed jitgħallmu. Huma għandhom isibu l-aħjar mod sabiex isibu s-soluzzjoni u jwettquha:

- X'għandi nagħmel eżatt?
- Kif se nagħmilha (pjan)?
- Kif nista' niċċekkja l-progress li nagħmel u r-riżultat?

It-tfal dejjem jeħtieġu ċertu **għan** li għandu jintlaħaq, kif ukoll ċertu **metodu għall-kisba ta' l-għan ta' xogħolhom** li jkunu jistgħu jużawh f'oqsma oħra ta' tagħlim kemm fl-iskola kif ukoll id-dar.

**L-istrateġiji ta' tagħlim li ġejjin magħmulin b'mod speċjali għat-tagħlim b'ilsien art twelidhom:**

**L-ISTRATEĠIJI TAT-TAGĦLIM HUMA MQASSMIN SKOND**

**Is-soluzzjoni tal-problema** | **Kitba/Spelling** | **Qari** | **Verifika**

**1. Strateġija: Tifhem u ssolvi l-problema (speċjalment għal biċċa xogħol ta' kitba)**

- Aqra t-test – fhimtu?
- Fittex modi kif tista' ssolvi l-problema
- Ħalli l-materjal tax-xogħol lest għall-użu
- Solvi l-problema u ikteb it-tweġiba
- Qabbel il-mistoqsija mat-tweġiba
- Ara li tagħti r-risposta t-tajba u sħiħa

**Strateġiji għat-tagħlim**

**Proċess ta' tagħlim fi 3 fażijiet**



**Strateġiji ta' tagħlim biex titgħallem b'ilsien art twelidek**

**Strateġija għas-soluzzjoni tal-problemi**



## STRATEĠIJI TA' TAGĦLIM U STILI TA' TAGĦLIM

**2. Strateġija: Il-Kitba/l-ortografija**

- Tkellem bil-mod waqt li tikteb/tispelli
- Ħoss – spelli – aqsam f'sillabi
- Ipprattika il-"kliem il-qosra" eż.. hu, u .....
- Tgħallem ir-regoli ta' l-ortografija – ftakar – uża
- Ikkummenta dwar il-kitba (għid ir-regoli)
- Tinsiex il-parti diffiċli tal-kelma
  (ħsejjes individwali, tgħaqqid flimkien ta' ħsejjes, eċċ)
- Aħdem b'kaxxa ta' l-indiċi tal-kliem
- Iċċekkja u ikkoreġi
- Ipprattika l-kitba pulita

**3. Strateġija: Il-Qari**

- Ipprattika biex tikseb il-kunfidenza mar-relazzjoniji bejn il-ħoss/l-ittra
- Ipprattika biex tikseb il-kunfidenza mal-ħsejjes – l-ittri – is-sillabi – il-kliem
- Aqra l-ittri – is-sillabi – il-kliem – it-testi
- Ipprattika l-qari b'leħen għoli kif ukoll b'leħen baxx għalik innifsek

**4. Strateġija: Iċċekkja u ikkoreġi**

- Nista' nsib l-iżbalji waħdi
- Iċċekkja l-kliem – is-sentenzi – it-testi
- Iċċekkja skond ċerti regoli ta' ortografija
- Iċċekkja b'attenzjoni: aqra dak li hemm miktub
- Iċċekkja l-kontenut: qabbel ix-xogħol mar-riżultat
- Iċċekkja skond il-problemi individwali ta' l- ortografija
- Kun ċert li l-korrezzjonijiet isiru b'mod pulit u ċar

**Strateġija għall- kitba**




**Strateġija għall-qari**




**Strateġija biex tiċċekkja u tikkoreġi**






# STRATEĠIJI TA' TAGĦLIM U STILI TA' TAGĦLIM

Il-motivazzjoni twassal għal żvilupp effettiv, parteċipazzjoni attiva u għall-mod sabiex jinkiseb suċċess fil-proċess tat-tagħlim ta' kull tifel u tifla.

Waqt it-tagħlim, ħafna tfal bid-*dyslexia* jistgħu jkunu sensittivi u vulnerabbli, speċjalment meta jkunu qed iħabbtu wiċċhom ma-riżultati negattivi fit-tagħlim tagħhom. Huma għandhom bżonn lil xi ħadd li jifhimhom, li jagħtihom rispons pożittiv u jfaħħarhom.

It-tfal m'għandhomx biss jisimgħu li huma rnexxielhom, huma għandhom jesperjenzaw is-suċċess.

Bl-għajnuna u l-appoġġ ta' l-għalliema u l-ġenituri, it-tfal għandu jirnexxielhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.


(AG Lernmethodik, Studienhaus St. Blasien, Beltz – Verlag, Weinheim/Basel, 1987.

Betz, D./Breuninger, H.:Teufelskreis Lernstörungen. Weinheim, 2. Auflage, 1987.

Otto, Chr.: Den Fehlerteufel besiegen. Eine methodische Handreichung. Waldviertler LM- Verlag, Zwetl/ Österreich. 2004.

Reid, G.: Learning Styles and Inclusion. PCP – Paul Chapman Publishing, London 2005.)


**Motivazzjoni**




**Fatturi emottivi**



# IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – RIMARKI ĠENERALI

## X'TEĦTIEĠ TKUN TAF

Wieħed kontinwament jisma' dwar metodi li jwiegħdu li jgħinuk titgħallem taqra, tikteb u tispelli b'mod mgħaġġel u mingħajr ħafna sforz. Dawn il-wegħdiet m'għandhomx jittieħdu bis-serjetà. Illum bosta esperti jaqblu li t-tagħlim tal-qari u tal-kitba jeħtieġu ħafna sforz. L-iktar prinċipju importanti li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-ħtieġa tal-paċenzja. L-istudenti, il-ġenituri u l-għalliema għandhom jirrealizzaw li t-titjib jista' jsir biss b'passi żgħar. Meta jkun hemm problema evidenti ta' qari, ta' ortografija u ta' kitba, normalment ikunu meħtieġa ħafna snin ta' prattika intensiva.

## X'GĦAJNUNA TISTA' TAGĦTI D-DAR?

Tfal b'diffikultajiet ta' tagħlim, li jkunu daqu l-falliment, ġeneralment ma jkunux motivati sabiex jitgħallmu. Bosta drabi dan iwassal għal sforzi żejda ta' kuljum biex isir il-*homework*. Jekk ikun hemm ukoll xi eżerċizzji żejda xi jsiru fil-qari, fil-kitba u fl-ortografija, il-problemi jibdew jakkumulaw.

X'jistgħu jagħmlu l-ġenituri sabiex jittrasformaw dan l-istress ta' kuljum fi programm organizzat b'mod tajjeb?

- It-tfal għandu jkollhom post għall-kwiet fejn huma jistgħu jikkonċentraw fuq xogħolhom mingħajr interruzzjonijiet minn aħwa jew ħbieb.
- Pjan tal-ġimgħa jista' jkun ta' għajnuna. Agħżel liema ħin mill-ġurnata ser ikun iddedikat għat-tagħlim.
- Skond l-età u l-iskola tat-tfal, ipprova tippjanax iktar minn 10 – 20 minuta ta' xogħol żejjed kuljum, u qassmu f'diversi partijiet.
- Jekk it-tfal batuti fil-qari, agħmel ħafna prattika. Il-qari huwa importanti ħafna għaliex huwa vitali għat-tagħlim ta' suġġetti oħrajn.

Flimkien mat-tfal tiegħek, ipprova sib l-aħjar ħin għat-tagħlim kuljum. Huwa importanti li tħalli t-tfal tiegħek jgħinuk fl-għażla ta' l-aħjar ħin.

**Metodi**



**Paċenzja**



**Motivazzjoni għat-tagħlim**

**Organizzazzjoni**

**Post għall-kwiet**

**Pjan tal-ġimgħa**



**L-aħjar ħin għat-tagħlim**

## IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – RIMARKI ĠENERALI

- Huwa importanti ħafna biex ikun hemm suċċess li wieħed iżomm strettament mal-ħin maqbul. Dan jevita argumenti dwar dewmien żejjed jew dwar in-nuqqas milli ssir il-prattika.
- Ftiehmu flimkien dwar l-għanijiet ta' kull ġimgħa. Dan jippermetti lit-tfal tiegħek sabiex jesperjenzaw suċċess.
- Uża varjetà ta' modi ta' prattika sabiex timmotiva t-tfal tiegħek. Per eżempju, programm tajjeb ta' *software* jittrasforma t-tagħlim fi pjaċir u jżid ir-rieda tat-tfal għall-prattika.
- Jekk dak li tistenna ikun għoli wisq, ikun probabbli li t-tfal tiegħek jirrifjutaw li jitgħallmu. Sabiex tiġi evitata din il-problema, adatta l-istennijiet tiegħek mal-ħiliet tat-tfal tiegħek.
- Ikkonċentra fuq is-suċċessi tat-tfal tiegħek, anke jekk dawn ikunu żgħar. Tinsiex tfaħħar it-tfal tiegħek talli jkunu ppruvaw. Tista' toħloq sistema ta' premjijiet sabiex issostni r-rikonoxximent tiegħek ta' l-isforzi tagħhom.

Jekk, għal kwalunkwe raġuni, ma jkunx possibbli għalik li tagħmel il-prattika żejda mat-tfal tiegħek, ikun aħjar li tintalab għajnuna professjonali. Madankollu, huwa importanti li tiftakar li dawn l-ispeċjalisti normalment jagħtu eżerċizzji żejda lit-tfal. Jekk dan joħloq problemi, tkellem ma' l-ispeċjalist dwar kif l-aħjar jingħelbu d-diffikultajiet.



**Żomm mal-pjan**

**Għanijiet**

**Motivazzjoni**

**X'tistenna**

**Tifħir**

Prosit

**Għajnuna professjonali**

## IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – IL-QARI

### KIF TISTA' TGĦIN LIT-TFAL BIEX ITEJBU L-QARI WAQT LI JKUNU D-DAR?

Għat-tfal bid-*dyslexia*, it-triq li twassalhom sabiex jibdew jieħdu gost jaqraw hija waħda diffiċli. Tista' tgħinhom billi torganizza eżerċizzji regolari tal-qari meta tkunu d-dar flimkien.

**Il-prattika tal-ħiliet bażiċi**
Meta wieħed jibda jitgħallem jaqra, jikteb u jispelli, hemm 4 oqsma li għandhom jiġu pprattikati sabiex jiġi żviluppat l-għarfien foniku (l-għarfien fonemiku, l-għarfien fonoloġiku):

- Il-kliem għandhom jinqasmu fil-ħsejjes individwali tagħhom (is-segmentazzjoni fi ħsejjes)
- Ix-xebħ bejn il-ħoss u l-ittra (ix-xebħ bejn il-grafema u l-fonema)
- Jingħaqdu flimkien il-ħsejjes ma' l-ittri (it-tgħaqqid)
- Il-kliem jinqasmu f'sillabi (is-segmentazzjoni f'sillabli)

**Il-qsim tal-kliem fil-ħsejjes separati tagħhom**
Qabel ma jitgħallmu jaqraw, ħafna tfal ma jkunux jafu li l-kliem huma magħmula minn ħsejjes separati. Per eżempju ma jkunux jafu li l-kelma "dar" hija magħmula minn tliet ħsejjes "d", "a", "r".
Wieħed jista' jitgħallem kif jaqsam il-kliem fi ħsejjes, anke permezz ta' l-eżerċizzji li ġejjin:

> Inti ssaqsi:
> - B'liema ħoss tibda l-kelma "dar" jew il-kelma "sar"?
> - Liema kelma tirrima ma' "dar"? "Far" jew "Mur"?
> - Liema ħsejjes hemm fil-kelma "Dar" jew "Sar"?
> - Liema kelma għandha l-ħsejjes d-a-r, dar jew sar?

Meta tibda titgħallem taqra, taqrax l-ittri skond isimhom, iżda skond il-ħoss tagħhom.

**Il-Prattika**



d-a-r
dar

# IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – IL-QARI

**Il-prattika tax-xebħ bejn il-ħoss u l-ittra**

Ikteb l-ittri li t-tfal għandhom jitgħallmu fuq karti żgħar. Fil-bidu ħu biss tliet karti. Poġġi l-karti fi kwalunkwe ordni u lissen kull ittra.
Hekk kif it-tfal jitgħallmu t-tliet ittri, żid ir-raba' waħda. Ipprattika sakemm it-tfal jitgħallmu l-erbgħa ittri sew. Wara żid ittra oħra eċċ.
Sabiex it-tfal jitgħallmu l-ittri aħdem b'dan il-mod: Turix l-ittra iżda lissen il-ħoss ta' l-ittra li jkun hemm fuq il-karta. It-tfal jiktbu l-ittra.

**Tgħaqqad il-ħsejjes ta' l-ittri flimkien**

Ittri jew ħsejjes separati jingħaqdu flimkien sabiex jiffurmaw il-kliem (eż. l-ittri d, a, r jingħaqdu biex jiffurmaw il-kelma "dar"). Din il-kapaċità hija meħtieġa għall-qari ta' kliem li ma nkunux nafu. Mod tajjeb biex titgħallem dan hu permezz ta' kartonċina tal-qari. Poġġi l-kartonċina fuq kelma b'mod li tkun tista' tara biss l-ewwel ittra u lissen il-ħoss ta' l-ittra. Bil-mod il-mod ressaq il-kartonċina lejn il-lemin filwaqt li tlissen il-ħsejjes tal-kelma. Fl-aħħar nett tkun tista' tara l-kelma sħiħa u lissinha bil-mod. Wara, il-kelma sħiħa għandha titlissen b'mod normali. Dejjem għandek issaqsi lit-tfal jekk humiex qed jifhmu l-kelma.

**Taqsam il-kliem f'sillabi**

Metodu tajjeb għall-qari (u l-kitba) huwa li taqsam il-kliem f'sillabi. Is-sillabi tal-kliem jintgħarfu iktar malajr mill-kliem sħaħ.
Lit-tfal tiegħek agħtihom kliem maqsumin f'sillabli eż. fuq karti jew kliem fuq il-kompjuter. Ikteb sentenzi jew passaġġi żgħar u għaqqad is-sillabli permezz ta' linji. Fid-dizzjunarji s-sillabi jinqasmu b'linji jew *slashes.*

**Il-qari ta' l-ittri**

**Il-kitba ta' l-ittri**




**Tgħaqqad il-ħsejjes flimkien**

**Sillabi**

## IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – IL-QARI

**Iktar eżerċizzji għall-prattika tal-qari**

Biex tiżdied il-ħeffa fil-qari, it-tfal għandhom ikunu kapaċi jaqraw il-kliem komuni iktar malajr. Agħmel lista ta' kliem komuni; permezz tar-repetizzjoni, it-tfal isiru iktar familjari ma' dak il-kliem  Fil-bidu tagħha, il-lista tista' tinkludi sillabi, kliem li huma simili (eż. dar, far, mar), kliem li għandhom xi ħaġa komuni (eż. jibdew bl-istess ħoss). Żomm il-ħin li t-tfal jieħdu biex jitgħallmu u ħu nota ta' l-iżbalji tagħhom. Enfasizza fuq kemm-il kelma t-tfal jirnexxielhom jaqraw tajjeb! Kull kelma tajba żżid il-motivazzjoni tat-tfal.

Meta taqraw it-testi flimkien mat-tfal, immarkaw il-kliem "diffiċli" (eż. kliem li ma tafux jew kliem twal) b'pinna jew lapes tal-kulur. Imbagħad uża l-karta tal-qari sabiex titgħallmu l-kelma qabel taqraw it-test sħiħ.

**Iktar ideat għall-qari ta' testi**

Jekk it-tfal jieħdu żball waqt il-qari, importanti ħafna li r-reazzjoni ma tkunx waħda ta' irritazzjoni jew ta' xokk jew billi tikkastiga t-tfal. It-tfal għandhom jitgħallmu li l-iżbalji waqt il-qari huma xi ħaġa normali. Minflok tuża l-kelma "żball" ipprova għidilhom li "ma qrawx tajjeb". Għin lit-tfal biex huma stess jindunaw fejn jistgħu jikkoreġu lilhom infushom. Fejn isir żball, għid per eżempju, "oqgħod attent" u urihom liema kelma ma jkunux qraw tajjeb. It-tfal għandhom jaqraw il-kelma mill-ġdid. Għin lit-tfal billi taqsam il-kliem f'sillabli jew billi tiġbdilhom l-attenzjoni lejn xi ittra diffiċli. Jekk it-tfal għadhom ma jistgħux jaqraw il-kelma, lissen il-kelma b'mod korrett.

Huwa importanti li t-tfal iħossuhom aċċettati u mhux taħt pressjoni. Għalhekk, xi kultant aħjar ma toqgħodx issemmilhom kull kelma li jieħdu żball fiha!

L-enfasi għandha tkun fuq is-suċċess u l-gost biex il-qari jsir xi ħaġa li jieħdu pjaċir jagħmlu!

**Tagħraf il-kliem malajr**

**Lista ta' kliem**



**Il-qari ta' testi: Prattika ta' kliem l-aktar diffiċli**

**L-iżbalji fil-qari**



**Tpoġġix lit-tfal taħt pressjoni**

**Il-pjaċir tal-qari**

## IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – IL-QARI

**L-għażla tat-testi**

Probabbli t-tfal jaqraw iżjed jekk l-għażla tal-ktieb tkun f'idejhom. Importanti li t-tfal ikunu interessati fis-suġġett u li jkunu jogħġbuhom l-istampi eċċ.
Ħafna pubblikaturi joffru serje ta' kotba b'tipa ikbar, sentenzi iqsar u bi stampi li jgħinu lit-tfal jifhmu t-test. Jgħin ukoll il-fatt li sentenza waħda tkun miktuba fuq linja waħda.
Meta t-tfal ikunu kapaċi jagħmlu ċerti eżerċizzji jew ikunu qraw test jew ktieb, ħu nota tagħhom fi djarju tal-qari. B'hekk, b'daqqa t'għajn waħda nkunu nistgħu naraw xi ksibna.



**L-għażla ta' ktieb**

**Ikkunsidra l-interessi tat-tfal**

**Djarju tal-qari**



## IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – L-ORTOGRAFIJA

### KIF TISTA' TGĦIN LIT-TFAL TIEGĦEK BL-ORTOGRAFIJA?

Il-kitba tista' tkun biċċa xogħol stressanti u diffiċli ħafna għat-tfal bid-*dyslexia*. Għalhekk, it- tul ta' ħin iddedikat għall-prattika għandu jinżamm f'perjodi qosra. B'hekk, l-eżerċizzji li ġejjin jeħtieġu biss ftit minuti sabiex jinħadmu u għalhekk huma xierqa għat-tfal bid-*dyslexia*.

**Ħin għall-prattika**



### Il-prattika tal-kliem

**Id-dettatura tal-kliem**

Sabiex jipprattikaw l-ortografija, ħafna ġenituri iġiegħlu lit-tfal jikkupjaw it-testi. Dan mhux l-aħjar mod ta' prattika. L-ikkupjar ta' kliem ma jwassalx għal riżultati aħjar.

L-iktar metodu komuni huwa li jiġu ddettati testi u wara l-istudent jitħalla jikteb kliem b'mod żbaljat għal darba jew darbtejn. Dan il-metodu ta' prattika għandu żewġ żvantaġġi:

**Żvantaġġi**

- Anke l-iktar studenti batuti jistgħu jiktbu ħafna mill-kliem f'test b'mod korrett. Mhuwiex meħtieġ li dan il-kliem jinkiteb għal darba tnejn. Dan jaħli ħafna ħin u sforz li jista' jintuża għal xi ħaġa iktar bżonnjuża.
- Il-kliem li jinkitbu b'mod żbaljat jeħtieġu repetizzjoni sistematika fuq bosta jiem. Li dawn il-kliem jiġu kkuppjati għal iktar minn darba f'jum wieħed ma jwassalx għal titjib.



**Il-prattika ta' kliem li jintużaw spiss**

Studju dwar il-lingwa Ingliża wera li 20% ta' l-iżbalji kollha fl-ortografija iseħħu fl-iktar 100 kelma komuni (eż with, that). Il-200 kelma ta' wara jammontaw għal 10% ta' l-iżbalji kollha. Il-prattika ta' dawn il-kliem tista' tkun ta' għajnuna kbira. Il-probabbiltà li jerġgħu jidhru fid-dettatura li jmiss hija waħda għolja ħafna.

Lista ta' dawn il-kliem tinstab fuq l-internet.

## IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – L-ORTOGRAFIJA

**Kaxxa ta'indiċi**







F'kull sessjoni jistgħu jiġu pprattikati bejn 5 u 15-il kelma, skond l-età tat-tfal. Hemm ħafna modi kif dan jista' jsir. Huwa rrakkomandat li għall-prattika li ssir id-dar tintuża kaxxa ta' indiċi . Il-karti jiġu mħallta u jiġu ddettati kelma wara l-oħra. Sabiex it-tfal jiġu megħjuna jiftakru aħjar it-tifsira ta' kelma, għandha ssir sentenza minn kull kelma. Madankollu, t-tfal jiktbu il-kelma ppratikata biss.

> Eżempju
>
> Inti taqra:
>
> It-tuffieħa waqgħet mis-siġra - waqgħet
>
> It-tfal jiktbu:
>
> waqgħet

Meta t-tfal jiktbu l-kelma, huma jħarsu lejn il-karta u jiċċekkjaw jekk kitbuhiex tajjeb. Jekk tinkiteb tajjeb, il-karta tiġi mmarkata bi "plus" (+). Jekk il-kelma tinkiteb ħażin, tiġi mmarkata b' "minus" (-) u t-tfal jiktbu l-kelma mill-ġdid. Tgħin ħafna li t-tfal jitgħallmu jħarsu sew lejn liema parti tal-kelma kellhom diffikulta fiha. Jekk it-tfal jiktbu l-kelma b'mod tajjeb diversi drabi konsekuttivament (fi ġranet differenti), il-karta titwarrab u tinbidel ma' karta ġdida.

**Il-kwota ta-suċċess**

Forsi taħseb li kull kelma li titwarrab ser tibda tinkiteb b'mod tajjeb, iżda sfortunatament, dan mhux il-każ. Il-kwota tas-suċċess hija bejn is-60 u t-80%. Jekk waħda mill-kliem li jkunu twarrbu tinkiteb b'mod ħażin f'dettatura jew komponiment, il-kelma tiġi pprattikata mill-ġdid bis-sistema ta' hawn fuq.

**Kliem oħra**

Jekk il-lista ta' 300 kelma tiġi eżawrita, tista' tagħżel kliem oħra li t-tfal ikunu spellew ħażin f'dettatura jew komponiment.

Fl-għażla tal-kliem għandhom jiġu kkunsidrati żewġ kriterji:

1. It-tfal ma jkunux kitbu l-kelma b'mod tajjeb.
2. Ikunu kliem li jidhru ta' spiss fit-testi (skond il-ġudizzju suġġettiv tiegħek).

# IL-PRATTIKA LI SSIR ID-DAR – L-ORTOGRAFIJA

**Ir-regoli ta' l-ortografija**

Ħafna drabi xi kotba jagħtu regoli ta' l-ortografija li xejn ma jkunu ta' għajnuna għax ikunu jeżistu wisq eċċezzjonijiet għar-regola jew għax ikunu jiddependu fuq għarfien li t-tfal ma jkollhomx.

Madankollu, hemm xi regoli li jistgħu jkunu ta' għajnuna.

Per eżempju: (fl-Ingliż)

*i before e ("piece") except after c ("receive")*

Meta żżid il-kelma "*all*" quddiem kelma oħra, tikteb "*l*" waħda biss

*all + together = altogether*

Meta żżid il-kelma "*full*" wara kelma oħra, tikteb "*l*" waħda biss

*help + full = helpful*

Eżempju : fil-Malti

Meta jkun hemm għ f'verb, sib verb ieħor li fl-għerq tiegħu hemm 'r' fl-istess pożizzjoni ta' l-għ

'Għamel' tinbena fuq 'rikeb'

**PROGRAMMI TAL-KOMPJUTER**

Jeżistu ħafna programmi tal-kompjuter għall-prattika tal-qari u l-ortografija. Ta' min wieħed juża kompjuter sabiex tissaħħaħ il-motivazzjoni tat-tfal. Madankollu, tajjeb li l-programmi tal-kompjuter jintgħażlu b'mod għaqli għax hemm minnhom li huma ta' kwalità baxxa.

Il-programmi għall-qari u l-ortografija għandhom jiġu ġġudikati skond il-kriterji li ġejjin:

- Bosta programmi għandhom eżerċizzji fejn it-tfal jistgħu jilagħbu
- Il-kliem li jintgħażlu għall-prattika għandhom ikunu dawk li jidhru ta' spiss f'dettaturi u komponimenti.

It-tfal jieħdu iktar pjaċir jitgħallmu meta l-eżerċizzji fuq il-kompjuter jkunu jistgħu jsiru flimkien mal-ġenituri, ma' ħuthom jew ma' ħbiebhom.

**Ir-regoli ta' l-ortografija**



**L-użu ta' programmi tal-kompjuter**



# L-UŻU TAL-KOMPJUTER

## Mistoqsijiet frekwenti (FAQs)

**Tirrakkomanda l-użu tal-kumpjuter bħala għodda ta' tagħlim għat-tfal dislessiċi?**

L-użu tal-kompjuter huwa rrakkomandat ħafna għar raġuni li:

- huwa ta' motivazzjoni
- ta' spiss jiggarantixxi suċċess f'qasir żmien
- jista' jżid il-kunfidenza ta' l-istudent fih innifsu
- jista' jnaqqas l-ansjetà (Il-kompjuter huwa newtru.)
- jikkunisdra l-ħtiġijiet individwali
- joffri sitwazzjoni iktar rilassata għat-tagħlim (mingħajr kunflitti)
- jiggarantixxi reazzjoni newtrali dwar it-tagħlim
- permezz tiegħu tista' ssir preżentazzjoni multimedjali tat-tagħlim
- huwa ta' għajnuna kbira meta t-tfal huma batuti fil-kapaċitajiet *fine motor* li jaffettwalhom il-kitba
- jista' jnaqqas it-tendenzi lejn l-iperattività
- jappoġġja r-responsabbiltà fit-tagħlim

**X'inhu importanti għat-tfal bid-*dyslexia* meta dawn jużaw il-kompjuter?**

- L-istruzzjonijiet għall-użu tal-kompjuter għandhom ikunu ċari u qosra.
- L-użu ta' kulur u tipa skond il-preferenzi stilistiċi tat-tfal
- L-iskrin tal-kompjuter m'għandux ikun inemnem.

**Liema hu l-aħjar post għall-kompjuter?**

- Poġġi l-iskrin tal-kompjuter f'linja parallela mal-ħġieġa tat tieqa (evita r-riflessi tad-dawl fuq l-iskrin)
- Fejn meħtieġ uża dawl speċjali għall-iskrin biss.
- Uża siġġu ergonomiku (l-idejn u l-irkobbtejn għandhom ikunu f'anglu ta' 90 grad).



Provdi kompjuter

(Vantaġġi!)



Il-kwalità tajba hija importanti!



Organizza post għall-ħidma

## L-UŻU TAL-KOMPJUTER

- L-ewwel linja fuq l-iskrin m'għandhiex tkun f'pożizzjoni iktar għolja minn għajnejn l-utent.
- Wara 20-30 minuta ta' xogħol fuq il-kompjuter għandek tieqaf tistrieħ (mhux TV jew logħob iżda moviment).
- Evita l-istorbju!
- Idealment il-kompjuter għandu jkun f'kamra oħra billi jipproduċi ħsejjes li jtellfu.
- Ħalli biżżejjed spazju madwar il-kompjuter għall-materjal meħtieġ għal waqt ix-xogħol fuq il-kompjuter,



Ieqaf strieħ ta' spiss!

### X'inhu importanti meta nfittex *software* għal tfal dislessiċi?

Is-suq tas-*software* ta' tagħlim huwa kbir ħafna u t-teknoloġija tal-kompjuter tinbidel malajr. Għalhekk huwa importanti li nikkonċentraw fuq ċerti fatturi fi programmi li jkunu kemm utli kif ukoll ta' motivazzjoni għat-tfal bid-*dyslexia*:

- L-istruzzjonijiet għandhom ikunu ċari u qosra.
- It-triq li twassal għall-attivitajiet infushom għandha tkun waħda qasira.
- Għandek tkun tista' tissejvja u twaqqaf il-programm fi kwalunkwe ħin; Għandu jkun hemm buttuna ta' l-għajnuna (Help button).
- Il-programm għandu jgħallem b'mod gradwali.
- Għandek tkun tista' tagħżel partijiet mill-programm.
- Għandek tkun tista' tbiddel minn eżerċizzju għall-ieħor.
- Għandek tkun tista' tirrepeti u tikkoreġi x-xogħol li jsir.
- Il-programm għandu joffri diversi livelli.
- Il-programm għandu jkun jista' jneħħi l-iżbalji, jippermetti verifika tax-xogħol li jsir u jagħti reazzjoni immedjata.
- Il-programm m'għandux ikun mimli wisq b'distrazzjonijiet iżda għandu jiffoka fuq ix-xogħol li jsir.
- Għandu jippermetti li jkun hemm kopji stampati ta' l-eżerċizzji
- Il-programm għandu jikkunsidra l-ħin li għandu bżonn l-utent biex jitgħallem.
- Ħafna programmi jintużaw bil-kuffji. Meta tixtri sett kuffji, iċċekkja li l-kwalità tal-ħoss tkun tajba.
- Il-lingwaġġ użat għandu jkun professjonali u ċar.



Agħżel is-*software* ta' tagħlim b'attenzjoni!



Agħżel kuffji ta' kwalità tajba

## L-UŻU TAL-KOMPJUTER

### Liema xogħol ta' tagħlim jista' jsir permezz ta' *software* tal-kompjuter?

Jeżistu ħafna għażliet li wieħed jista' jagħmel. Huwa rrakkomandat li jintgħażlu programmi skond il-ħtiġijiet individwali tat-tfal tiegħek u sabiex jintalab parir. Normalment, programm wieħed ikopri għadd ta' ħidmiet.

Xi eżempji ta' diversi ħidmiet ta' tagħlim li jistgħu jsiru pemezz ta' *software* tal-kompjuter:

- Programmi ta' taħriġ fonoloġiku
- It-tagħlim ta' l-alfabett
- Xogħol bis-sillabli
- It-tfittxija ta' ittri f'kelma partikolari
- Eżerċizzji bi *flash cards*
- L-eżerċizzji jistgħu jsiru permezz tal-kuluri u l-possibbiltà li dawn il-kuluri jinbidlu
- Jiġu mmarkati l-ittri, gruppi ta' ittri, kliem eċċ. flimkien mal-kuluri
- Xogħol fil-qasam viżwali (eż il-qari ta' piramidi ta' kliem)
- Jintgħarfu ċerti kliem bl-għajnuna tal-qari tax-xufftejn
- It-tagħlim ta' strutturi ta' sentenzi
- Programmi li jaqilbu minn test għal taħdit (text to speech) eċċ.

**TINSIEX**

- ikkonsulta ma' l-għalliem tat-tfal u staqsi dwar programmi li jistgħu jkunu ta' għajnuna;
- is-*software* jista' biss jgħin lit-tagħlim iżda ma jissostitwixx it-tutur jew l-għalliem;
- stħarreġ il-ħtiġijiet individwali tat-tfal qabel ma tagħżel is-*software*.

Nota: Agħżel *software* li jkun jgħodd għall-istadju ta' żvilupp tat-tfal tiegħek!



Ħidmiet varji ta' tagħlim

Sabiex ikunu effettivi l-eżerċizzji għandhom isiru flimkien mal-qari u l-kitba



Itlob parir mingħand l-għalliem jew l-ispeċjalist



## L-UŻU TAL_KOMPJUTER

### KOTBA u MATERJAL

Fil-kotba/fuljetti li ġejjin wieħed jista' jisb għażla tajba ta' software ta' tagħlim, flimkien ma' deskrizzjoni tal-programmi ta' tagħlim:


Reid, Gavin (2005), Dyslexia. A Complete Guide for Parents. Chichester: John Wiley & Sons.

Rosenkötter, Henning (1997), Neuropsychologische Behandlung der Legasthenie. Weinheim: Beltz.

Sedlak, Franz (Hrsg.), (1999), Förderideen für Lesen, Rechtschreiben, Rechnen sowie bei Aufmerksamkeitsdefiziten und Hyperaktivität. Schulpsychologie-Bildungsberatung. *Zukunft-Bildung-Kultur.* BMUK.

Tacke,Gero (1999), Computerprogramme für die Lese- Rechtschreibförderung: Bestandsaufnahme und Perspektiven. Landesinstitut für Schule und Weiterbildung. Heft 45. Schulpsychologische Beratungsstelle, Corbell-Essonnes Platz 9, 71063 Sindelfingen.


Ġeneralment, is-software ta' tagħlim jinbidel b'mod mgħaġġel u għandu dejjem jiġi adattat għal teknoloġija ġdida. Għal din ir-raġuni m'humiex ser jissemmew programmi speċifiċi.

Għalhekk għandek titħajjar tfittex f'diversi websajts Madanakollu l-websjats ukoll jinħolqu u jisparixxu b'rata mgħaġġla ħafna. Ħafna drabi l-għalliema u l-ispeċjalisti jkunu informati sew dwar l-aktar programmi utli u aġġornati li jistgħu jkunu jgħoddu għall-ħtiġijiet tat-tfal tiegħek.

## TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

### A) PARIRI ĠENERALI

- Xi stil ta' tagħlim għandu t-tifel tiegħek? (kapitolu 8)
- Qiegħed juża s-sensi kollha tiegħu biex jitgħallem? (kapitolu 8)
- Jagħraf xebħ u differenzi bejn il-lingwi?

Eżempju:
Xebħ fil-ħoss u t-tifsira
Ħoss: Ingliż u Ġermaniż [haus]
Tifsira: Ingliż u Ġermaniż: xorta
IŻDA l-ortografija hija differenti:
Ingliż: house; Ġermaniż: Haus

- Jirrevedi regolarment?
- Jipprova jifhem il-kultura tal-lingwa barranija li qed jitgħallem (jikteb lil xi pen friend, imur għall-btala, jara films, jiltaqa' ma' nies fiż-żona li jitkellmu l-lingwa barranija eċċ.)?
- L-iskola tagħti pariri dwar skambji ma' studenti barranin, magazines għaż-żgħażagħ jew films fil-lingwa barranija?

### B) PARIR SPEĊIFIKU

### 1. ĦSEJJES U ITTRI

- It-tifel tiegħek jagħraf li ittra jista' jkollha ħsejjes differenti?

Eżempju:
Lesti *cards* żgħar b'ittra fuq kull *card* u sib il-ħsejjes kollha possibbli għal kull ittra.
Skopri regolaritajiet u regoli fejn possibbli.

- It-tifel tiegħek jagħraf li ħoss jista' jinkiteb b'modi differenti?

Eżempju:
Agħmel skeda għall-ħsejjes tal-lingwa barranija

| Ħoss | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ingliż [ou] | cold | shoulder | show | ... |
| Franċiż [ã] | mentir | chanter | blanc | ... |
| Ġermaniż [f] | Ofen | Affe | Vogel | ... |

**HALLO**
**GRUEZI**



**HELLO**
**AHOJ**
**HOLA**

**Similaritajiet**
**Differenzi**

**Kuntatt:**
**Pen friend**
**Skambji bejn l-Istudenti**

**Ittra waħda, ħsejjes differenti**


↔


**Ħoss wieħed, ittri differenti**

## TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

- It-Tifel jagħti biżżejjed każ ta' l-ittri li ma jeżistux f'ilsien art twelidu?
- It-tifel jipprattika versi ta' tqabbil, frażijiet u kanzunetti?

**Chunks**

How are you?
Comment ça va?
Como está?



Wie geht´s?
Comme sta?
Hoe maakt U het?

**Rhymes**

Katzen können Mäuse fangen,
haben Krallen, scharf wie Zangen,
kriechen durch die Bodenlöcher
und zuweilen auf die Dächer.

Row, row, row your boat
gently down the stream.
Merrily, merrily, merrily, merrily,
life is but a dream.



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Czech | káva | láva | tráva | kráva |
| Catalan | pruna | bruna | lluna | engruna |
| Spanish | vino | camino | latino | tocino |

**2. Kliem**

- Kif titgħallem vokabularju ġdid?

Agħmel *flash cards* b'vokabularju ġdid u żommhom organizzati.
Pinġi stampa fuq in-naħa ta' wara tal- *card*
Isma stejjer li jinkludu il-vokabularju li qiegħed titgħallem
Ipprova uża s-sensi kollha biex timmaġina affarijiet li tista tfakkrek fihom il-kelma li qiegħed titgħallem.

Ipprattika ħsejjes u ittri ġodda



Ipprattika versi ta' tqabbil, frażijiet u kanzunetti



Kliem li jaqbel

Vokabularju ġdid



## TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

Biex tiftakar il-kliem: irrevedi b'dan il-mod:

|  |  |  |  |  |
|---|---|---|---|---|
| Irrikordja (il-kelma – pawża – l-istess kelma mill-ġdid). | Ismagħha, ħares lejha, għidha u uri b'idejk jew irreċta (p.eż. billi tiċċaqlaq). | Ismagħha u għidha qabel ma jibda t-tejp. | Ismagħha u għidha f'pożizzjoni komda jew int u tiċċaqlaq. | Isma, spelli, għid, ikteb, u qabbel. |

- Tgħallem il-vokabularju f'biċċiet żgħar.
- Tgħallem il-kliem ta' l-istess nisel flimkien: "att, attiv, attivita'".

- **Kif jista' jitgħallem jikteb sewwa l-kliem?**

Eżempji

-Tuża l-ittri tal-kelma biex toħloq frażi

S amwel
I nizżel
B armil
T ajn

-Tħares lejn il-forma tal-kelma waqt li tgħidha

-Tpinġi stampa ma' kliem diffiċli

għasfur



-Tistudja il-morfoloġija tal-kliem

għalliem
għallem
tgħallem

-Titgħallem xi regoli

'l-ebda kelma ma tispiċċa 'hu' ħlief il-kelma x'inhu'

**Biex tiftakar il-kliem**



**Uża s-smigħ**
- frażijiet
- versi ta' tqabbil
- sillabi



**Uża l-vista**
- Ħares, għid, għatti, għid, ikteb, iċċekkja
- Immaġina l-kelma bil-kulur fuq sfond li jaqta'
- Uża l-istampi



**Miss b'idejk**
- Ikteb fuq ir-ramel, fuq tapit...
- Il-kelma għamilha, "iktibha" bil-ġebel / ċagħaq
- Ittajpjaha



**Uża l-kliem f'kuntest**

## TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

- Kif ibnek jista' jitgħallem **il-verbi regolari u irregolari**? Agħmel listi f'din l-ordni:
  - Ħarsa ġenerali tat-tempi kollha.
  - Iġbor flimkien il-forom identiċi (eż miegħu, tiegħu eċċ)
  - Ipprattika fuq l-aktar forom importanti
  - Ipprattika fuq lista personali ftit qabel test.

Eżerċizzju: Għid l-infinit ta' verb irregolari. Ibnek jgħid it-temp passat

| Franċiż | Ingliż |
|---|---|
| né - naître | to buy - bought |
| eu - avoir | to sell - sold |

**3. Kif tippreżenta regoli grammatikali**

- Pass wara pass: il-mod kif timxi huwa li taqsam ir-regoli kull pass għalih b'mod ċar u ifformulat (bħal riċetta).
- Kull pass irid ikun b'xi mod separat għalih (linja ġdida, mudell, paġna differenti...).
- Kull pass irid ikun akkumpanjat minn stampa jew simbolu (tifel kreattiv jista' jiddisinja l-istampa tiegħu stess). Tinsiex tħalli biżżejjed wisa'.
- Uża kulur differenti għal kull regola.
- L-ispjega lit-tifel għamilhielu f'ilsien art twelidu u ġegħlu jirripetiha b'vuċi għolja.
- Ħażżes dijagramma jew xi stampi tad-daħq jekk dan huwa ta' għajnuna għat-tifel biex jiftakar juża r-regola.
- Issimplifika t-test jekk meħtieġ.
- Agħmel *poster* għar-regoli tqal u dendlu sakemm it-tifel jibqa' jiġi bżonnu.

**It-tqassim ta' kull *worksheet* jista' jgħin fit-tagħlim:**

Il-*worksheets* kollha– speċjalment it-testijiet – irid:
- ikun fihom ittri kbar (font 12-14, Comic Sans MS)
- ikunu mqassma sewwa (mhux mimlija wisq, intestaturi ċari u spazju bejn il-linji)
- ikollhom lewn magħżul sewwa għall-isfond u għall-kitba.

**Tarġa wara tarġa**



**Uża l-ilwien**

**Poster**



**Tqassim**

Il-*worksheets* kollha: ċari, mqassma sewwa

# TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

- Iġbor ir-regoli ġo fajl biex tkun taf fejn għandek tfittixhom meta tiġi bżonnhom.
- Il-kuntatt bejn l-għalliem/a tal-lingwa barranija, il-ġenituri, l-għalliem/a tal-lingwa nativa u l-istudent huwa importanti ħafna.
- Tiffukax fuq żbalji tal-grammatika meta tkun qed tikkomunika bil-lingwa barranija
- Jekk il-ġenituri juru interess fil-lingwi barranin u kulturi oħrajn, dan jista' jħeġġeġ lit-tfal jitgħallmu aktar.

4. **Il-kitba tat-testi**

- Iġbor l-ideat billi tpinġi disinji (eż. *mind mapping*).




- Strateġiji għall-kitba tat-testi

Eżempji:
It-tfal għandhom (1) jgħidulek x'iridu jiktbu, (2) jiktbu l-istorja u (3) jimmarkaw liema huma l-kelmiet ewlenin.
Wara li jagħmlu dan, jistgħu jerġgħu jiktbu l-istess test imma din id-darba
- f'forma iqsar
- mill-perspettiva ta' xi ħadd ieħor
- ibiddlu l-ordni ta' l-ideat, il-ħin, il-post, eċċ.
- ibiddlu s-sura tad-dokument: eż għal-gazzetta, internet, intervista, ittra, eċċ.

Fl- aħħarnett dawn it-testi jistgħu jitqabblu. Innota l-forma (il-marġini, il-paragrafi...) fid-diversi testi.

Fajl



Kuntatt



**Disinji**
***Mind maps***



**Strateġiji tal-kitba**



**Test:**
- introduzzjoni
- ideat ewlenin
- diskussjoni
- għeluq

# TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

5. **Taqra u tifhem it-testi**

- **Xi strateġiji jistgħu jitħaddmu għall-qari tat-test miktub b'lingwa barranija?**
  - Irrifletti fuq is-suġġett:
    Fuq xiex inhu t-test?
    Qatt smajt bis-suġġett qabel?
    X'vokabularju taf dwar is-suġġett?
    Fittex fuq is-suġġett f'artikli/fl-internet/fil-kotba.
    Għid lil xi ħadd x'diġà taf fuq is-suġġett (ibni fuq dak li diġà taf).
  - Sib l-aħjar post fejn toqgħod taqra (pożizzjoni komda, dawl tajjeb, qrib ta' l-għajnuna, fejn ħadd ma jfixklek)
    Jista' jkollok ittri akbar jekk tipprintja mill-internet.

- **Xi strateġiji jistgħu jitħaddmu biex tifhem test miktub b'lingwa barranija?**
  - Jekk tisma' jew tara tape/vidjow, ħu l-ħin tiegħek biex tisma' l-istorja diversi drabi u pinġi simbolu għal kull idea ġdida; sib kliem għas-simboli aktar tard.
  - Aqra f'qalbek u aqra għajjat. Kultant meta taqra tgħajjat tifhem it-test aħjar.
  - It-test żidlu l-istampi u d-disinji. Taħthom ikteb sentenzi qosra.
  - Pinġi sing taħt l-ideat importanti.
  - Issimplifika t-test (bl-użu ta' kliem eħfef u sentenzi iqsar eċċ.).

- **Xi strateġiji jistgħu jitħaddmu biex jitwieġbu mistoqsijiet dwar it-test?**
  - Uża l-*highlighters*
  - Aqra kull mistoqsija bir-reqqa u rrepetiha għajjat fi kliemek.
  - Uża kulur differenti biex timmarka t-tagħrif għal kull mistoqsija.
  - Tkellem ma' ħabib/a fuq it-test.

**Ibni fuq dak li diġà taf**



**Żid l-istampi**



**Pinġi d-disinji**



**Uża l-kuluri**



## TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

Kumment: Ġeneralment l-għalliema tal-lingwi barranin jistgħu jagħtu lill-ġenituri u lit-tfal pariri speċifiċi dwar il-kotba u l-materjali li jistgħu jintużaw biex it-tfal jipprattikaw id-dar. Dawn il-pariri għandhom ikunu relatati mal-programm ta' tagħlim u għandhom jitqiesu diversi fatturi (pereżempju kemm il-ġenituri jkunu jafu bil-lingwa barranija, x'inhu l-għarfien tekniku u t-tagħmir disponibbli eċċ.).

Il-ġenituri jistgħu jkunu ta' sostenn għal uliedhom billi jħeġġuhom ikollhom kuntatt mal-lingwa barranija (programmi tar-radju u t-televiżjoni, films, safar eċċ.). *Dan li ġej huwa biss eżempju ta' x'inhu disponibbli fil-qasam tal-kotba u materjali li jistgħu jservu ta' sostenn fit-tagħlim ta' xi lingwi barranin.*

### ID-*DYSLEXIA* U L-INGLIŻ BĦALA LINGWA BARRANIJA

Birsh, J. R. (2005). Multisensory Teaching of Basic Language Skills. 2nd ed. PH.D. publ. Jun 2005. Brookes Publishing Comp.

#### MATERJALI

CD-ROM. The Mystery of the Lost Letters. Tintin helps dyslexic learners. BBC 2004. D•I•T•T (Dyslexia International Tools and Technologies ASBL). e-mail: admin@ditt-online.org, website: www.ditt-online.org (English, German and French on one CD)

ClozePro (winner of the 2004 BETT Special Educational Needs Secondary Software Award; for learners of all ages and abilities; suitable for use across all subject areas); website: http://www.cricksoft.com/uk/products/clozepro/default.asp#about



### IL-ĠERMANIŻ BĦALA LINGWA BARRANIJA

#### KOTBA

Erkert, A. (2003). *Sprach-Förder-Spiele.* Freiburg: Christopherus.

Hufeisen, B. (2004). Deutsch und die anderen (Fremd)Sprachen im Kopf der Lernenden. Wie man dieses Potenzial im Deutschunterricht nutzen kann. In: *Fremdsprache Deutsch 31*, 2004, 19 - 23.

Nodari, C. & de Rosa, R. (2003). Mehrsprachige Kinder. Ein Ratgeber für Eltern und andere Bezugspersonen. Stuttgart: Haupt.

#### MATERJALI

CD-ROM. Lesen 2000. Version 4XL. Mantler, O. e-mail: info@lernspiele.at, website: www.lernspiele.at ISBN 3-9501203-1-9

CD-ROM. Pramper, Wolfgang (2001), Gut – besser – Deutsch! (Computersoftware for advanced learners, Veritas) ISBN 3-7058-5780-0.

Sommer-Stumpenhorst, N. (1997). Laute heraushören, Laute zusammenfügen. Hilfen für das häusliche Üben. 2. Aufl. Heft 1, Warendorf: Colli.

VIDEO: ECOC – Video zur Situation von dyslexischen Kindern in der EU (Legasthenie quer über die Kulturen hinweg) – disponibbli wkoll bl-Ingliż. – Bezeichnung erfolgt noch genauer.

## IL-ĦAJJA WARA L-ISKOLA

### L-iskola spiċċat. Issa x'se jiġri?

Wara l-iskola

- Jeżisti ħafna xogħol li jista' jitwettaq partikolarment minn min huwa *dyslexic* - xogħol li fih sa fl-aħħar dawn in-nies jistgħu juru x'jafu jagħmlu tajjeb.
- Dawk bid-*dyslexia* ġeneralment huma persuni kreattivi ħafna u mogħnija b'kapaċitajiet tekniċi. Bosta jagħmlu suċċess fl-oqsma tal-management u fi professjonijiet tekniċi, kreattivi u soċjali.

### Pariri dwar karrieri professjonali

X'xogħol se jagħżlu?

- Huwa importanti li wieħed jieħu pariri tajba dwar l-għażla ta' karriera. Dan jista' jipprovdi sigurtà li persuna tkun teħtieġ waqt li tkun qed tieħu d-deċiżjonijiet.
- Għandhom jitqiesu l-preferenzi individwali.



### Ir-rwol tal-ġenituri waqt tranżizzjoni mill-iskola li sseħħ b'suċċess

Ir-rwol tal-ġenituri

Il-ġenituri jistgħu jgħinu lil uliedhom:

- jagħrfu aħjar x'inhuma l-ħtiġiet tagħhom għat-tagħlim u kif jitgħallmu l-aħjar.
- jużaw l-elementi fejn huma b'saħħithom biex jegħlbu jew jiskapulaw id-diffikultajiet tagħhom.
- iżommu sod fl-iskola u fuq il-bank tax-xogħol.
- jesploraw l-interessi u d-dispożizzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' karriera permezz ta' involviment f'xogħol volontarju, f'xogħol matul is-sajf u xogħol part-time.
- jitgħallmu kif ikunu flessibbli u kif ma jaqtgħux qalbhom u ma jħallux l-intoppi jew id-diżappunti li jinqalgħu xi kultant jiżvijawhom.



# IL-ĦAJJA WARA L-ISKOLA

## Alfabetiżmu

- Sfortunatament bosta adulti li jbatu bid-*dyslexia* ma saritilhomx djanjożi formali u l-limitu tad-*dyslexia* tagħhom mhux apprezzat kemm għandu jkun. L-abbiltà tagħhom biex jaqraw u jiktbu kultant mhix tajba biżżejjed biex ilaħħqu ma' l-esiġenzi ta' kuljum.
- Illum jeżistu possibbiltajiet biex dak li jkun jitgħallem jaqra, jikteb u jaħdem il-matematika jew itejjeb l-abbiltajiet tiegħu f'dawn l-oqsma billi jattendi għall-klassijiet edukattivi għall-adulti.

## Id-*dyslexia*: sfida għal-tul il-ħajja kollha?

- Għalkemm aħna ġeneralment naħsbu fid-*dyslexia* f'termini ta' l-impatt tagħha fuq l-abbiltà għat-tagħlim fl-iskola, id-*dyslexia* fil-fatt hija sfida ta' tul kollu tal-ħajja.
- L-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jbatu bid-*dyslexia* jistgħu jibqgħu bil-problemi f'ċerti oqsma bħal ma huma l-qari, il-kitba, il-matematika, l-organizzazzjoni u l-amministrar tal-ħin u l-abbiltà biex jiftakru d-dettalji eċċ.
- L-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jbatu bid-*dyslexia* jistgħu jiksbu suċċess permezz ta' l-użu ta' metodi ta' tagħlim, strateġiji speċifiċi, u teknoloġija alternattiva.

- Għalkemm l-adoloxxenti li jbatu bid-*dyslexia* jiffaċċjaw xi sfidi partikolari waqt it-tranżizzjoni tagħhom għall-istat adult, l-għajnuna biex jiksbu abbiltajiet organizzattivi, flessibilità u perseveranza min-naħa tal-ġenituri tista' tipprovdi gwida u appoġġ importanti.

Qari

Kitba

Matematika



*Dyslexia* – sfida għat-tul kollu ta' ħajtek



## DYSCALCULIA

### INTRODUZZJONI

Il-problemi bl-ipproċessar ta' l-informazzjoni li jwasslu biex l-istudenti jesperjenzaw diffikultajiet ta' natura dislessika, eż. memorja qasira, is-sekwenza u l-organizzazzjoni ta' l-informazzjoni u l-ħeffa ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni, jistgħu wkoll jikkawżaw diffikultajiet f'ħafna oqsma tal-matematika. It-terminu li ħafna drabi jintuża biex jiddeskrivi dan huwa *dyscalculia*.

### DIFFIKULTAJIET

In-natura tad-diffikultajiet li jgħaddu minnhom l-istudenti bid-*dyscalculia* jinkludu:

- it-tagħlim tar-relazzjoni bejn in-numri
- it-tagħlim tat-tabelli tal-multiplikazzjoni
- il-kapaċità li jifhmu kunċetti li jinvolvu d-direzzjoni
- il-kunċetti tal-ħin u ta' spazju
- attivitajiet ta' sekwenza
- l-orjentazzjoni – il-konfużjoni tista' tqum fl-ipproċessar ta' operazzjonijiet f'direzzjonijiet differenti
- l-għarfien ta' spazju
- diskriminazzjoni viżiva li tirriżulta f'konfużjoni tas-sinjali
- l-aritmetika mentali (il-manipulazzjoni mentali tan-numri/tas-simboli)

Il-matematika għandha wkoll il-lingwa tagħha u din tista' tkun l-għerq ta' ħafna problemi. Terminoloġija ġenerali matematika bħal **perimetru**, **valur** u ***equals*** jistgħu ma jkunux familjari. Huwa interessanti li jekk fil-klassi tistaqsi lill-istudenti biex jagħtu definizzjoni tal-kelma "*equals*" tiskopri ħafna risposti differenti, forsi l-iktar risposta komuni hija li tfisser "ir-risposta". Dawn il-kliem kollha jeħtieġ li jiġu mifhuma b'mod ċar qabel ma jkunu jistgħu jintużaw fil-kalkoli.

**DYSCALCULIA**

**Problemi bl-ipproċessar ta' l-informazzjoni**



**Diffikultajiet (eżempji)**

**Multiplikazzjoni**



**Kunċetti tal-ħin**



Biex tikkumplika l-affarijiet, proċess matematiku uniku jista' jiġi deskritt b'firxa wiesgħa ta' termini. Ngħidu aħna, ***multiply, times, product, of*** (il-multiplikazzjoni) jew ***add, increase, plus, sum*** u ***total*** (l-addizzjoni).

# DYSCALCULIA

## PARTIJIET LI JIBNU FUQ XULXIN

Il-matematika għandha struttura ta' interrelazzjoni/sekwenza. Huwa suġġett fejn wieħed jitgħallem il-partijiet. Il-partijiet jibnu fuq xulxin biex jagħmlu parti sħiħa. Li tkun taf il-parti s-sħiħa tippermettilek tirrifletti u tgħinek tifhem iktar il-partijiet, u dan iwassal għal għarfien aħjar tal-parti sħiħa. Li tagħraf il-parti sħiħa tippermettilek ukoll li tifhem is-sekwenzi u l-interazzjonijiet tal-partijiet u l-mod kif jibnu fuq xulxin.

## AGĦMEL ĦAĠA ĦAĠA FL-ORDNI T-TAJBA!

Minħabba li l-problema ċentrali hija, ħafna drabi, r-relazzjoni bejn is-simboli u l-operazzjonijiet li jirrappreżentaw, jagħmel sens għall-istudent li l-ewwel jagħmel l-operazzjonijiet permezz ta' materjali strutturati. Imbagħad wieħed jista' jurih kif jiddeskrivi simbolikament x'kien qed jagħmel. L-istudenti bid-*dyscalculia* jinqalgħu iktar biex "joħolqu" milli biex "isemmu" u huwa essenzjali li jkollhom bażi biex "joħolqu". Il-vantaġġ kbir li jużaw materjali strutturati huwa li huma jiżguraw li l-"ħolqien" ta' xi ħaġa jiġi qabel l-"isem". Jekk tinqaleb l-ordni, wieħed ikun qed iħabbat ma' wiċċ student bid-*dyscalculia* massa ta' simboli ta' taħwid il-moħħ u termini tekniċi mingħajr ma jkollu ċ-ċans jifforma idea ċara ta' x'suppost għandu jagħmel bihom. Ladarba jinkisbu l-bażijiet neċessarji billi "joħloq", madankollu, għandhom imorru għar-raġunament astratt, il-ġeneralizzazzjonijiet u l-iskoperti.

Materjali konkreti li huma rrakkomandati għall-istudenti bid-*dyscalculia* fl-iskola primarja u sekondarja e.z. *Cuisenaire Rods eċċ.* L-istudenti bid-*dyscalculia* jistgħu joqgħodu fuq il-materjali konkreti għal-perjodu itwal minn sħabhom minħabba li ħafna drabi jsibuha bi tqila biex jimmemorizzaw ir-rabta bejn in-numri.

Biex tikkumplika l-affarijiet, proċess matematiku jista' jiġi deskritt b'firxa wiesgħa ta' termini. Ngħidu aħna, ***multiply, times, product, of*** (il-multiplikazzjoni) jew ***add, increase, plus, sum*** u ***total*** (l-addizzjoni).

**Il-matematika għandha struttura interrelatata**



**L-Ordni t-tajba**

**Toħloq**



**Tagħti isem**



**Tirraġuna**



## DYSCALCULIA

**TAGĦLIM MULTI-SENSORJALI**

Meta tiġi mgħallma l-matematika lill-istudenti bid-*dyscalculia*, il-prinċipji tat-tagħlim multi-sensorjali (viżiv, tas-smigħ, is-sens tal-mess-kinestetika) li japplikaw għax-xogħol tal-lingwa għandhom japplikaw ukoll għall-matematika. Per eżempju, kunċetti u proċessi matematiċi ġodda għandhom jiġu introdotti permezz ta' materjali konkreti, diagrammi, stampi u spjegazzjonijiet verbali. Imbagħad, l-istudent għandu jiġi mistoqsi jispjega l-proċess, l-istruzzjonijiet, eċċ fi kliemu. Il-progress għandu jiġi segwit bir-reqqa f'kull stadju, biex ikun verifikat li kunċett partikolari jkun tgħallmu sew u li jkun fehem qabel ma jmur għal pass ta' wara.

**LETTERATURA**

'Mathematics for Dyslexics' - A teaching handbook, Chinn and Ashcroft, Whurr Publishers, Londra (1993).

'Dyslexia and Mathematics', Miles, T.R. and Miles, E., Routledge.

'Working with Dyscalculia' Came, F and Henderson, A. Learning Works, Marlborough, England, UK

**PROGRAMMI TAL-KOMPJUTER:**

'Maths Blaster' (Knowledge Adventure)

'Number Shark' (White Space)

**Tagħlim multi-sensorjali**

**Tagħlim permezz tas-sensi kollha**





**Strateġiji foloz**



**4+3 = 6**

**9-3 = 7**

**3x8 = 11**

**6x7 = 47**

**3x70 = 21**

**900-400 = 600**

**70-10 = 71**

**10+30 = 13**

**77-68 = 11**

**1475+6894= 712169**

# DRITTIJIET TAT-TFAL DIŻLESSIĊI

**Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal**



It-tfal bid-*dyslexia* jagħmlu parti minn grupp ta' studenti bi Bżonnijiet Edukattivi Speċjali. Id-drittijiet bażiċi tagħhom kienu stabbiliti bil-**KONVENZJONI TAD-DRITTIJIET TAT-TFAL** (Nazzjonijiet Uniti, 1989):

- L-Istati Kontraenti jirrikonoxxu d-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni u bil-ħsieb li jintlaħaq dan id-dritt progressivament u **fuq il-bażi ta' l-opportunitajiet indaqs** (...) (Art.28)
- L-Istati Kontraenti jaqblu li l-edukazzjoni tat-tfal għandha twassal għall-:
  (a) iżvilupp tal-personalità tat-tfal, it-talenti u kapaċitajiet mentali u fiżiċi sa l-ogħla potenzjal tagħhom;(...)
  (Art.29)

*(http://www.unhchr.ch/html/menu3/b/k2crc.htm)*

**Drittijiet Ġenerali**

Dawn id-dikjarazzjonijiet jimplikaw id-drittijiet tat-tfal kollha biex:

☺ jirċievu dijanjosi tal-Bżonnijiet Edukattivi Speċjali tagħhom
☺ ikun hemm adattament individwali tal-kurrikulum u tal-metodi tat-tagħlim
☺ ikun hemm adattament individwali tal-ħtiġiet skond il-kapaċitajiet tagħhom
☺ il-ġenituri jkunu jistgħu jirrikorru għal persuna/istituzzjoni speċjali (eż. ombudsman) jekk id-drittijiet tat-tfal ma jkunux irrispettati

**Fil-klassi**

Xi pajjiżi diġà ħarġu b'regolamenti varji li jgħinu biex dawn id-dikjarazzjonijiet jitqiegħdu fil-prattika:



☺ Ma jintalbux jaqraw b'vuċi għolja quddiem il-klassi

Eż. Fil-Brażil, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja – xi drabi l-Irlanda, in-Norveġja, il-Polonja, l-Iżvezja, l-Istati Uniti

☺ Ma jitnaqqsux marki minħabba ortografija batuta

Eż. Fil-Brażil, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Italja, in-Norveġja u l-Polonja

## DRITTIJIET TAT-TFAL DIŻLESSIĊI

☺ Ma jitnaqqsux marki minħabba kalligrafija mhux pulita

Eż. Fil-Brażil, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, in-Norveġja, il-Polonja

☺ Isir possibbli li jintuża kompjuter jew *typewriter*

Eż. Fl-Awstrija – għall-istudenti kbar biss –, il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, in-Norveġja, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti

☺ Isir xogħol orali jew irrikordjat iktar milli xogħol miktub

Eż. Fil-Belġju, il-Kroazja, Franza, l-Ungerija, l-Irlanda, in-Norveġja, il-Polonja, ir-Russja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti

## DRITTIJIET TAT-TFAL DIŻLESSIĊI

**Eżamijiet**

### 1. Drittijiet speċjali għall-istudenti bid-*dyslexia* waqt l-eżamijiet:

☺ Jitħallew jivverifikaw l-ortografija f'dizzjunarju

Eż. Fl-Awstrija – iżda għall-istudenti kbar biss, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija, in-Norveġja, il-Polonja, ir-Renju Unit

☺ Ikun permess l-użu tat-*tape recorder* biex il-mistoqsijiet fl-eżami jinstemgħu u mhux jinqraw

Eż. Fil-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, in-Norveġja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti



☺ Ikun permess li l-mistoqsijiet fl-eżami jinqraw lill-istudenti

Eż. Fil-Belġju, il-Brażil, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, in-Norveġja, Spanja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti

☺ Jingħata ħin supplimentari waqt l-eżamijiet

Eż. Fil-Belġju, il-Brażil, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, in-Norveġja, il-Polonja, ir-Russja, is-Slovenja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti

**Lingwi barranin**

### 2. Drittijiet speċjali għall-istudenti bid-*dyslexia* li jitgħallmu lingwa barranija

☺ Ikun permess li jitgħallmu lingwa barranija waħda biss jekk tnejn jew iktar ikunu obbligatorji

Eż, fi Franza, l-Irlanda, in-Norveġja, il-Polonja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti

**Marki**

☺ Il-marki għal-lingwa barranija jkunu bbażati l-iktar fuq ir-rendiment orali

Eż. Fir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja – eż Berlin, in-Norveġja, il-Polonja

**Problemi**

☹ F'ħafna pajjiżi, madankollu, dawn id-drittijiet mhumiex regolati b'atti legali.

☹ Ħafna drabi l-applikazzjoni tagħhom tiddependi fuq l-iskola jew l-għalliem partikolari.

L-informazzjoni f'din is-sezzjoni hija bbażata fuq kwestjonarju mibgħut mill European Dyslexia Association fl-2003. Aktar dettalji jinstgħabu fil-ktieb ta' M. Bogdanowicz u H.A. Sayles 'Rights of Dyslexic children in Europe' (2004)



Sitwazzjonijiet li jinqalgħu l-iskola u d-dar
"Rutini ta' kuljum u problemi tat-tfal diżlessiċi"

FILGĦODU

Sitwazzjoni | Soluzzjoni

Biex iqumu

| | |
|---|---|
| It-tfal : ħafna drabi jkollhom problema biex iqumu waħedhom, ikollhom in-nagħas u ħafna drabi jkunu qattaw il-lejl jagħmlu l-*homework*. | Inti : Aħseb dwar xi ħaġa sabiħa u tad-daħk biex tqajjem it-tfal, eż. kanta xi kanzunetta dwar xi persunaġġ li baqa' fis-sodda u biddel l-isem tal-persunaġġ bl-isem tat-tifel/tifla tiegħek. Għaraxhom b'xi ġugarell għal qalbhom u rrakkonta xi storja dwar il-ġugarell. Agħtihom il-bewsa ta' filgħodu. |

Biex jinħaslu, jilbsu, jieklu

| | |
|---|---|
| It-tfal : jekk ikollhom kapaċitajiet motoriċi batuti, it-tfal ma jkunux iridu jagħmlu dawn l-attivitajiet sempliċi, għax jarawhom diffiċli, ħela ta' żmien u ma jwettquhomx b'daqstant suċċess. | Inti : Għin lit-tfal kemm ikun hemm bżonn, iżda ieqaf ħesrem la tara li t-tfal qed ikampaw tajjeb waħedhom. Qatt m'għandek taghmel dawn l-affarijiet kollha għat-tfal. |
| It-tfal : ħafna drabi jkunu interessati fi kwistjonijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma dak li suppost ikunu qed jagħmlu, eż josservaw il-qtar tan-nida jiżżelleġ mat-tieqa minflok ma jaħslu wiċċhom. | Inti : Tirrabjax. Staqsi lit-tfal x'suppost qed jagħmlu f'dak il-mument. Għidilhom li l-kolazzjoni favorita tagħhom qed tistennihom fuq il-mejda tal-kċina jew li mat-triq lejn l-iskola, se ssib il-ħin biex tieqaf tixtrilhom ir-rivista favorita tagħhom. |

Biex imorru l-iskola

| | |
|---|---|
| It-tfal : ħafna drabi ma jkunux iridu joqgħodu waħedhom l-iskola, iħossuhom anzjużi minħabba xi affarijiet diffiċli u mhux daqstant sbieħ li jkunu qed jistennewhom l-iskola. | Inti : Ara li tħobb lil-uliedek, iġibu liema marki jġibu l-iskola. Għidilhom 'Naf li ħdimt ħafna l-bieraħ biex tistudja għall-eżami tal-lum. Għamilt ħiltek. Kburi bik. Jekk tmur ħażin ma jkun ġara xejn. Naraw x'mar ħażin flimkien u darb'oħra tmur tajjeb. Toqgħodx tinkwieta!". Dejjem agħtihom bewsa qabel ma tħallihom. |

| | |
|---|---|
| It-tfal: ma jridux imorru l-iskola. Jagħmlu ta' bir-ruħhom li morda. | Inti: Iċċekkja t-temperatura, ħares lejn griżmejhom u jekk tissuspetta li qed jagħmlu ta' bir-ruħhom, għidilhom li ma tistax tara sintomi perikolużi. Ipprova ara x'inhi r-raġuni wara l-ansjetà tat-tfal. Ħafna drabi r-raġuni tkun minħabba li ma kienux għamlu x-xogħol ta' l-iskola jew mhux qed iħossuhom preparati għal xi ezami. Ipprova naqqsilhom l-anzjetà u pprova sib xi soluzzjoni razzjonali eż. ittra lill-għalliem li x-xogħol se jagħmluh għal l-għada. It-tfal għandhom jintbagħtu l-iskola, inkella jkomplu jippretendu li huma morda. |

## WARA NOFSINHAR

Lura mill-iskola

| | |
|---|---|
| It-tfal: għandhom bżonn kbir jiżvugaw miegħek dak li ġralhom l-iskola, speċjalment f'kaz ta' falliment jew trattament inġust. | Inti: Ismagħhom u oħloq atmosfera li fiha jistgħu jgħidulek kollox biex tevita l-emozzjonijiet negattivi u l-istress. Dan huwa iktar importanti milli jieklu l-ikla sħuna tagħhom. Jekk tgħidilhom li l-ewwel iridu jieklu, tkunx sorpriż li mbagħad ma jkunux iridu jitkellmu iktar. Ftakar li l-ideat razzjonali tiegħek mhux dejjem jikkorrispondu ma' dawk tat-tfal, minħabba li huma għandhom ġerarkija differenti ta' prijoritajiet. Jekk tkun mgħaġġel, itlobhom jirrakkontawlek fil-qosor għax trid taqbad tal-linja f'ħames minuti. Għidilhom jirrakkontawlek id-dettalji kollha wara li tiġi lura. |
| It-tfal: għandhom burdata ħazina, ma jridux jitkellmu, iżda inti tirrealizza li ġara xi ħaġa l-iskola. | Inti: Urihom li huma aċċettati u maħbubib minnek. Għidilhom kemm inti inkwetat bil-wiċċ imdejjaq tagħhom u li jkun iktar faċli li jsolvu il-problema jekk jitkellmu. |

## Il-*homework*

| | |
|---|---|
| **It-tfal**: ma jridux jagħmlu x-xogħol ta' l-iskola mill-ewwel wara l-iskola għax ikunu għejjew u huma konxji mill-ħidma diffiċli li qed tistennihom. | **Inti**: Ħalli lit-tfal jistrieħu, joħorġu barra u jilgħabu jew iżuru xi ħabib, iżda mhux għal iktar minn siegħa. |
| **It-tfal**: ma jistgħux jiftakru x'*homework* għandhom. Jgħidu li m'għandhomx xogħol x'jagħmlu, li ħafna drabi ma jkunx il-każ. | **Inti**: Iċċekkja x-xogħol li għandhom, eż. billi ċċempel lil xi ħabib. Jekk dan jiġri ta' spiss, iddeċiedi ma' l-għalliem li hu/hi se j/tiċċekkja mat-tfal li jkunu ħadu nota ta' x'għandhom jagħmlu d-dar u li inti se tiffirmah meta jlestuh. |
| **It-tfal**: ma jridux jagħmlu x-xogħol u jgħidu li ma jistgħux jagħmluh. | **Inti**: Iċċekkja x'jistgħu jagħmlu waħedhom u fejn għandhom bżonn l-għajnuna. It-tfal għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu. Il-partijiet li huma diffiċli wisq jistgħu jiġu spjegati u tagħmilhom flimkien magħhom. Ieqaf għinhom hekk kif tara li qed ikampaw waħedhom. Wara kull xogħol twil, pattilhom bi kliem sabiħ jew b'attività li jieħdu gost jagħmluha. Jekk tara li jerġa' jkollhom il-problemi, jew li l-konċentrazzjoni qed tonqos, ingħaqad magħhom fix-xogħol għal ħin qasir. |
| **It-tfal**: idumu ħafna jagħmlu x-xogħol ta' l-iskola, ma jikkonċentrawx u huma distratti faċilment b'affarijiet oħra. | **Inti**: Aqsam ix-xogħol f'"partijiet" zgħar mat-tfal u agħtihom ħin qasir biex jagħmluhom (agħmel *timer*). Iddeċiedi kif tista' tpattilhom għax-xogħol tajjeb wara li jkunu lestew diversi "partijiet" |

## Il-qari

| | |
|---|---|
| **It-tfal**: ma jridux jaqraw il-kotba indikati mill-għalliem. | **Inti**: aqra flimkien mat-tfal billi tuża t-teknika ta' "qari bejn tnejn" jew *paired reading*, jiġifieri taqraw flimkien b'vuċi għolja. Staqsi lit-tfal dwar x'qed jaraw fl-istampi li jakkumpanjaw it-test. Staqsihom l-opinjonijiet tagħhom u ddiskuti l-problemi varji li joħorġu mit-test. Ħalli lit-tfal jagħmlu xi ħaġa li jixtiequ bħala kumpens għall-qari tagħhom. |

Iċċekkja l-pitazzi tat-tfal

| | |
|---|---|
| **It-tfal**: jinsew jimlew l-eżerċizzji (kemm mil-lezzjoni u mix-xogħol tad-dar) u jagħmlu l-iżbalji waqt li jagħmlu ħidmiethom. | **Inti**: Iċċekkja l-pitazzi kuljum u żgura li t-tfal jikkoreġu l-iżbalji kollha. Immarka l-iżbalji li tinnota bil-lapes fil-ġenb tal-pitazz. It-tfal għandhom ikunu kapaċi li jinnutawhom u jikkoreġuhom. Il-korrezzjonijiet jistgħu jsiru bl-għajnuna tiegħek, iżda qatt m'għandek tagħmilhom inti. |
| **It-tfal**: jagħmlu l-iżbalji waqt li jiktbu. | **Inti**: Aħdem mat-tfal biex tgħallimhom l-ortografija t-tajba billi tuża metodi li jenfasizzaw il-punti dgħajfa u dawk b'saħħithom tal-ħtiġiet edukattivi tagħhom. |

Il-basket ta' l-iskola

| | |
|---|---|
| **It-tfal**: ħafna drabi jinsew jieħdu pitazz, xogħol li kellhom jagħmlu d-dar, xi tagħmir importanti, eċċ. Jista' jkun li jkollhom kollox kif ġie ġie fil-basket, li jagħmilha diffiċli biex isibu xi ħaġa. | **Inti**: Kun cert li t-tfal jippakkjaw il-basket tagħhom kuljum waħedhom (hekk kif jispiċċaw ix-xogħol tad-dar). Imbagħad iċċekkja jekk it-tagħmir importanti daħħluhx fil-basket u li organizzaw kollox sew (lapsijiet, *biros*, gomom u kotba, eċċ.). |
| **It-tfal**: jistgħu jinsew xi affarijiet importanti waqt li jippakkjaw il-basket ta' l-iskola. | **Inti**: Introduċi sistema ta' ppjanar: "X'se jkolli bżonn għada l-iskola?". Ħalli lit-tfal jelenkaw it-tagħmir neċessarju, iċċekkja l-lista u itlob lit-tfal jippakkjaw skond il-lista. Meta jlestu l-basket, iċċekkja jekk ikunx jonqos xi ħaġa. It-tfal għandhom iqabblu l-kontenut tal-basket mal-lista tagħhom. |

Tagħlim kumplimentari

| | |
|---|---|
| **It-tfal**: ma jiżviluppawx b'mod kostanti. Għandhom kemm oqsma b'saħħithom u żviluppati sew iżda wkoll punti dgħajfin, hekk imsejħa *defiċits* fl-iżvilupp. Dawn jinkludu disturbi fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet viżivi-motoriċi, dawk awditorji u relatati mal-lingwa, funzjonijiet motoriċi, kif ukoll kapaċitajiet ta' koordinazzjoni jew, fi kliem ieħor, l-integrazzjoni tal-funzjonijiet psikomotoriċi. L-ispeċjalisti jistgħu jgħinu fid-dijanjosi tad-diffikultajiet. | **Inti**: żomm kuntatt ma' l-iskola u kkoopera ma' l-għalliem ta' *support*, billi tkompli l-eżerċizzji indikati minnu d-dar. B'dan il-mod biss jistgħu jingħelbu d-diffikultajiet u jitjiebu l-ħiliet akkademiċi. Biex tagħmel l-eżerċizzji iktar attraenti, agħti kumpens fit-tmiem tal-ġurnata. |

Il-faċendi

| | |
|---|---|
| **It-tfal**: ħafna drabi jħallu l-kamra diżorganizzata, iħallu ġeġwiġija fuq il-mejda, fil-gwardarobba. Ma jirnexxielhomx iżommu kollox pulit u nadif. | **Inti**: Aħbi nofs il-ġugarelli tat-tfal (speċjalment dawk li ma tantx jużaw) u xahar iva xahar le, biddilhom ma' dawk fil-kamra tat-tfal. Ixtri kontenituri tal-plastik jew ta' l-injam u poġġihom fuq xkafef. Poġġilhom tabella fuqhom bi stampi jew b'deskrizzjoni tal-kontenut (jekk it-tfal jistgħu jaqraw). Naddaf il-kamra darba mat-tfal, biex tagħti eżempju. Poġġi l-affarijiet tagħhom ġol-kontenituri u ddeċiedi fejn se tqiegħed kull kontenitur. Il-ġimgħa ta' wara, għin lit-tfal fit-tindif tal-kamra billi tagħtihom indikazzjonijiet verbali u agħtihom kumpens meta jlestu mit-tindif. |
| **It-tfal**: jinsew dwar ix-xogħol li għandhom jagħmlu fid-dar, eż li joħorġu l-iskart. | **Inti**: Jekk indikazzjoni verbali ma tkunx biżżejjed, poġġi l-iskart fil-kamra tat-tfal mingħajr ebda kumment ieħor. |

FILGĦAXIJA

Qari ta' storja ta' qabel l-irqad

| | |
|---|---|
| **It-tfal** : mhumiex interessati fil-kotba jew li jisimgħu storja tinqralhom b'vuċi għolja. Għandhom problemi biex jiffukaw l-attenzjoni tagħhom u jifhmu l-istorja. | **Inti** : Kuljum, għal 20 minuta, aqra ktieb li jagħżlu t-tfal qabel ma jmorru jorqdu. Huwa qari għall-pjaċir li jiżviluppa l-bżonn tal-kuntatt mal-kotba. Hija wkoll opportunità biex tkun flimkien mat-tfal, tiddiskuti u tirrifletti dwar il-karattri mill-ktieb, tidħaq jew tibki magħhom u tkunu kuntenti flimkien minħabba t-tmiem sabiħ ta' l-istorja. |
| **It-tfal** : ma jridux imorru jorqdu. | **Inti** : Ħalli lit-tfal bid-dawl jixgħel għal 20-30 minuta oħra, iżda biss jekk jaqraw storja oħra matul dak il-ħin (miegħek jew waħedhom). |

## LETTERATURA ĠENERALI


Bechen, P., Kinzinger, W., & Seger, S. (2004). *LRS-Ratgeber*. Stuttgart: Riederer.

Betz, D. & Breuninger, H. (1991). *Jedes Kind kann schreiben lernen*. Weinheim: Beltz.

Betz, D. & Breuninger, H. (1998). *Teufelskreis Lernstörungen. Theoretische Grundlegung und Standardprogramm. Materialien für die klinische Praxis.* (5. Aufl.). München: Beltz.

EGS-Texte: *Erscheinungen. Theorieansätze. (2001) Prävention. Eine systematische Einführung in die Gesamtproblematik.* 2. Aufl.- München. Oldenbourg.

Ganser, B. & Richter, R., (Hrsg.). (2003). *Was tun bei Legasthenie in der Sekundarstufe?* Donauwörth: Auer.

Geist, A. (2003). *Einführung in das Erdinger Eltern-Kind-Rechtschreibtraining.* Skript. Erding.

Grabbe, F., Haller, K., Küppers, A., & Lassert, U. (1997). *Training – Diktate, Sek. Stufe I, 1 – 10. Schuljahr, 100 Testdiktate.* Stuttgart : Klett.

Haase, P. (Hrsg.). (2000). *Schreiben und Lesen sicher lehren und lernen. Voraussetzungen Risikofaktoren, Hilfen bei Schwierigkeiten*. Dortmund: Borgmann.

Hofmann, B. (2001). *Lese-Rechtschreibschwäche – Legasthenie. Erscheinungen. Theorieansätze. Prävention. Eine systematische Einführung in die Gesamtproblematik* (2. Aufl.). München: Oldenbourg.

Klasen, E. (1997). *Legasthenie – umschriebene Lese-Rechtschreib-Störung. Informationen und Ratschläge*. Weinheim: Chapman und Hall International Thomas Publishing company.

Klicpera, Ch. & Gasteiger-Klicpera, B. (1998). *Psychologie der Lese- und Schreibschwierigkeiten. Entwicklung, Ursachen, Förderung* (2. Aufl.). Wien: Beltz.

Klicpera, C. , Schabmann, A., & Gasteiger-Klicpera, B. (2003). *Legasthenie. Modelle, Diagnose, Therapie und Förderung.* München, Basel: Reinhardt UTB.

Landerl, K.., Wimmer, H., Moser, E.. (1999). SLRT. *Salzburger Lese- und Rechtschreibtest. Verfahren zur Differentialdiagnose von Störungen des Lesens und Schreibens für die 1. bis 4. Schulstufe.* – Nachdruck der 1. Aufl.- Bern: Hans Huber.

Mann, C., Oberländer, H., & Scheid, C. (2001). *LRS. Legasthenie. Prävention und Therapie.* Weinheim: Beltz.

Mantel, M. (1990). *Effizienter lernen, Wissen schneller aneignen – Speicherkapazität steigern – Kreativität verbessern – Kompaktwissen* (3. Aufl.). München: W. Heyne-Verlag.

## LETTERATURA ĠENERALI


Marschik, M. & Klicpera, Ch. (1993). *Kinder lernen lesen und schreiben. Ein Ratgeber für Eltern und Lehrerinnen.* Dortmund: borgmann publishing.

Otto, Ch. (2004). *LRS Teil I und Teil II. Förderung – Lesen – Schreiben – Lernen.* Zwettl: Waldviertler Lehrmittelverlag.

Reid, G. (2004). *Dyslexia: A Complete Guide for Parents.* Chichester: John Wiley & Sons.

Rosenkötter, H. (1997). *Neuropsychologische Behandlung der Legasthenie*. Weinheim: Psychologie Verlags Union.

Rosenkötter, H. (2003). Auditive Wahrnehmungsstörungen. Stuttgart: Klett-Cotta.

Sellin, K. (2004). *Wenn Kinder mit LRS Fremdsprachen lernen*. München: Reinhardt Verlag.

Schulte-Körne, G. (2004). *Elternratgeber Legasthenie*. München: Knaur.

Schwinghammer, H. (1999). *Legasthenie – So helfe ich meinem Kind*. Augsburg: Weltbildbuchverlag.

Smythe, I. & Everatt, J. (2002). Dyslexia and the multilingual child - Policy into practice. *Topics in Language Disorders.* Vol 22, 71-80.

Smythe, I., Everatt, J., & Salter, R. (2004). *International Book of Dyslexia. A cross language comparison and practice guide.* Chichester: John Wiley & Sons.

Soremba, E. M. (1995). *Legasthenie muss kein Schicksal sein. Was Eltern tun können, um ihren Kindern zu helfen* (3. Aufl.). Freiburg im Breisgau: Herder.

Steirischer Landesverband Legasthenie (STLL). *Empfehlungen für PädagogInnen und Eltern*. Folder. Graz: Leykam.

Tacke, G. (1998). *Lese- Rechtschreibschwäche. Diagnose, Ursachen, Fördermöglich-keiten. Materialien Grundschule GS 3*. Stuttgart: Landesinstitut für Erziehung und Unterricht.

Tacke, G. (2000). *Informationen zur Lese- Rechtschreibschwäche.* Website: http://www.oberschulamtstuttgart.de/beratung/psychol/material/LRSInternet/LRSInternet.htm

Warnke, A., Hemminger, U., & Plume, E. (2004). *Ratgeber Lese-Rechtschreibstörungen*. Göttignen: Hogrefe Verlag.

Weigt, R. (1994). *Lesen und Schreiben lernen kann jeder? Methodische Hilfen bei LRS*. Berlin: Luchterhand.

## WEBSAJTS

**British Dyslexia Association (BDA)**
(website: http://www.bda-dyslexia.org.uk/)

**European Dyslexia Association (eda)**
(e-mail: http://eda@compaqnet.be)

**Hornsby International Dyslexia Centre**
(website: http://www.hornsby.co.uk)

**International Dyslexia Association (ida)**
(website: http://www.interdys.org)

**Dyslexia International – Tools and Technologies (D.I.T.T.)**
http://www.ditt-online.org/

**Information Network on Education in Europe**
(website: http://www.eurydice.org/Eurybase/frameset_eurybase.html)

**World Dyslexia Network Foundation (WDNF) – Ian Smythe**
(website: http://web.ukonline.co.uk/wdnf/index.html

# Istituzzjonijiet parteċipanti fil-proġett DYPATEC

## Austria

Pädagogische Akademie des Bundes in der Steiermark
Hasnerplatz 12, 8010 Graz
phone: ++43 316 683189
Fax: ++43316-683189/20
e-mail: office@phgraz.at
Website: www.phgraz.at
Verantwortliche Person: Mag. Hermine Posch
e-mail: hermine.posch@aon.at

Institut für Sprachwissenschaft (Karl-Franzens-Universität Graz)
Merangasse 70, 8010 Graz
phone: ++43 316 3802421
Fax: ++43 316 380-9780
Website: http://www-gewi.uni-graz.at/ling/
Verantwortliche Person: a.o. Univ.-Prof. Dr. Hanspeter Gadler
e-mail: hanspeter.gadler@uni-graz.at

Steirischer Landesverband Legasthenie (STLL)
Mandellstraße 4, 8010 Graz
phone: ++43 316 829560
cell: ++43 316-676 3690717
Website: http://www.legasthenie-stll.com/
Verantwortliche Person: Petra Rouschal
e-mail: rouschal@yahoo.de

Arbeitskreis Kind und Schule (ARKUS)
Rechter Iselweg 5, 9900 Lienz
phone: ++434852-64085
Fax: ++434852-64085
Website: www.arkus-lienz.at
Verantwortliche Person: Gudrun Lindsberger
e-mail: arkus@aon.at

## Czech Republic

Universita Karlova, Pedagogická Fakulta Katedra speciáti pedagogky
M.D.Retigové 4, Praha 1, 110 00 Ceská republika
phone: +420 221 900 246
Fax: +420 224 947 782

Person responsible: Dr. Iva Strnadova
e-mail: iva.strnadova@pedf.cuni.cz

## Germany

Sozialpädiatrisches Zentrum, Klinikum Ludwigsburg
Erlachhofstraße 10, D-71631 Ludwigsburg, Deutschland
phone: ++49 7141-997162
Fax: ++49 7141-007470
Website: www.kliniken-lubi.de
Verantwortliche Person: Dr. Henning Rosenkötter
e-mail: henning.rosenkoetter@kliniken-lb.de

Praxis für Integrative Kindertherapie (PIK)
Mahlowerstraße 24
12049 Berlin
Verantwortliche Person: Dr. Petra Dinse
e-mail: petradinse@t-online.de

## Luxembourg

DYSPEL - Dyslexia and Special Needs Luxembourg
33, Avenue Victor-Hugo, L-1750 Luxembourg
phone: 00352 621145180
Website: www.dyspel.org
www.dyspel.org/dypatec
Person responsible: Raymond Claes
e-mail: raymond@dyspel.org
e-mail: rclaes@pt.lu

## Poland

Polskie Towarzystwo Dysleksji (Polish Dyslexia Association)

80-343 Gdansk, ul. Pomorska 68, Poland

phone: ++4858 557 0531333 Fax: ++4858 557 5835

Website: http://dysleksja.univ.gda.pl/form_zg.htm

Person responsible: Dr. Marta Bogdanowicz

e-mail: marta.bogdanowicz@wp.pl

e-mail: psymbg@univ.gda.pl

## United Kingdom

Dyslexia North West, c/o Red Rose School

28 - 30 North Promeade, St. Annes on Sea, Lancashire, England FY8 2 NQ

phone: 01253 720570 Fax: 01253 720570

Website: www.redroseschool.co.uk

www.dyslexiacentre.org

Person responsible: Colin Lannon

e-mail: redroseschool@btopenworld.com

## Malta

Specific Learning Difficulties service

Sarria Street, Floriana, Malta

phone: 00356 21 234965

Website: www.dyspel.org/spld-malta

Verantwortliche Person: Christine Xuereb

e-mail: christine.xuereb@gov.mt

## Turkei

Canakkale Onsekiz Mart University

Eğitim Fakültesi, İlköğretim Bölümü, S n f Öğretmenliği A.B.D.

Anafartalar Kampüsü, 17100 Canakkale TURKEY

Telefon: 0 286 2171303 Fax: 0286 2120751

Website: www.comu.edu.tr

Verantwortliche Person: Yrd.Doç.Dr.Çiğdem ŞAHİN TAŞKIN

e-mail: cashin@comu.edu.tr

Göztepe Halil İbrahim Türkkan İlköğretim Okulu

Yumurtac Abdi Bey sok. No.53,

Kad köy 34720 İstanbul TURKEY

Telefon: 0216 567 07 90

Verantwortliche Person: Şeyda İŞMAN

e-mail: s_isman@hotmail.com

## List of Authors

### Austria

| *INSTITUTION-NAME* | *E-MAIL ADDRESS* | *WEBSITE* |
|---|---|---|
| ***Pädagogische Akademie des Bundes in der Steiermark*** | ***Teacher Training College*** | www.phgraz.at office@phgraz.at |
| **Posch** Hermine, Mag. | Hermine.Posch@at | |
| **Reinsberger** Elisa | elisa.reinsberger@schule.at | |
| **Unterleitner** Inge, Mag. Dr. | Inge.unterleitner@gmx.at | |

| | | |
|---|---|---|
| ***Karl-Franzens-University Graz*** | ***University of Graz, Department of Linguistics*** | http://www-gewi.uni-graz.at/ling/ |
| **Edtstadler** Konstanze | konstanze.edststadler@edu.uni-graz.at | |
| **Gadler** Hanspeter, a.o. Univ. Prof. Dr. | hanspeter.gadler@uni-graz.at | |

| | | |
|---|---|---|
| ***STLL (Steirischer Landesverband Legasthenie)*** | ***Parents Association*** | http://www.legasthenie-stll.com/ |
| **Glatz** Renate, Dipl. Päd. | renate.glatz@aon.at | |
| **Pratter** Karin, Mag. | karin.pratter@chello.at | |
| **Rostek** Elke | elke.rostek@tugraz.at | |
| **Rouschal** Petra | rouschal@yahoo.de | |

| | | |
|---|---|---|
| ***ARKUS (Arbeitskreis Kind und Schule)*** | ***Parents Association*** | www.arkus-lienz.at |
| **Lindsberger** Gudrun | arkus@aon.at | |
| **Neumayr** Elisabeth | e.neumayr@zt-gis.at | |
| **White** Karen | k.white@utanet.at | |

### Germany

| | | |
|---|---|---|
| ***Sozialpädiatrisches Zentrum, Klinikum Ludwigsburg*** | ***Center for Child Neurology and Developmental Medicine*** | www.kliniken-lubi.de |
| **Rosenkötter** Henning, Dr. | henning.rosenkoetter@kliniken-lb.de | |
| **Tacke** Gero, Dr. | Gero.Tacke@Main-Tauber-Kreis.de | |

| *PIK (Praxis für Integrative Kindertherapie)* | *PIK (Center for integrative child therapy)* | |
|---|---|---|
| **Dinse** Petra | petradinse@t-online.de | |
| **Erdmann** Christa | | |
| **Otto** Christel; Dr. | | |

| **Luxembourg** | | |
|---|---|---|
| ***DYSPEL*** | ***Dyslexia and Special Education Needs*** | http://www.dyspel.org<br>http://www.dyspel.org/dypatec |
| **Claes** Raymond | raymond@dyspel.org<br>rclaes@pt.lu | |
| **Weber** Mathilde | tweber1@pt.lu | |

| **Poland** | | |
|---|---|---|
| ***Polish Dyslexia Asssociation*** | ***Parents Association*** | http://dysleksja.univ.gda.pl/ |
| **Bogdanowicz** Marta, Prof. Dr. | marta.bogdanowicz@wp.pl<br>psymbg@univ.gda.pl | |
| **Kasica-Nowakowska** Alicja | alicja.kasica@gmail.com | |
| **Petrus** Paulina | petrusp@poczta.pl | |
| **Bogdanowicz** Katarzyna | kasiabogdanowicz@poczta.onet.pl | |

| **Czech Republic** | | |
|---|---|---|
| ***Charles University in Prague*** | | |
| **Strnadova** Iva, Dr. | iva.strnadova2@seznam.cz<br>iva.strnadova@pedf.cuni.cz | |
| **Cerna** Marie, Doc. PhDr. | marie.cerna@pedf.cuni.cz | |
| **Novakova Helena,** Dr. | hnk@seznam.cz | |

| **United Kingdom** | | |
|---|---|---|
| ***Dyslexia North West*** | ***Red Rose School*** | www.redroseschool.co.uk<br>www.dyslexiacentre.org |
| **Lannen** Colin | redroseschool@btopenworld.com | |
| **Lannen** Sionah, Dr. | | |
| **Reid** Gavin, Dr. | gavinr@education.ed.ac.uk | |

| Malta | | |
|---|---|---|
| ***SpLD Service Malta*** | ***Special Learning Difficulties Service*** | www.dyspel.org/spld-malta |
| **Xuereb** Chrisitine | christine.xuereb@gov.mt | |
| **Cardona** Kevin | kevin.cardona@educ.gov.mt | |

| Turkey | | |
|---|---|---|
| ***Canakkale Onsekiz Mart University Eğitim Fakültesi, İlköğretim Bölümü, Sınıf Öğretmenliği A.B.D. Anafartalar Kampüsü, 17100 Canakkale*** | ***University of Canakkale*** | www.comu.edu.tr |
| **Sahin Taskin** Cigdem | csahin@comu.edu.tr | |

| | | |
|---|---|---|
| ***Göztepe Halil İbrahim Türkkan İlköğretim Okulu Yumurtacı Abdi Bey sok. No.53, Kadıköy 34720 İstanbul*** | ***Special School for Children with Dyslexia and other Learning Difficulties*** | |
| **Isman** Seyda | s_isman@hotmail.com | |
| **Erdgony** Hatice | haterdo@yahoo.com | |

Illustrations from ‘1 Million de Cliparts ‘ – Copyright Micro Application (France).

## Istituzzjonijiet parteċipanti fil-proġett DYPATEC

9 788072 903115